



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 20

2012

ISSN 1831-0907

IL-FINANZJAMENT MINN MIŻURI STRUTTURALI GĦAL
PROĠETTI **INFRASTRUTTURALI GĦALL-IMMANIĠĠJAR**
TA' SKART MUNIĊIPALI HUWA EFFETTIV BIEX JGĦIN
LILL-ISTATI MEMBRI JIKSBU L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA
TAL-UE DWAR L-ISKART?



Rapport Speċjali Nru 20 // 2012

**IL-FINANZJAMENT MINN MIŻURI
STRUTTURALI GĦAL PROĠETTI
INFRASTRUTTURALI GĦALL-
IMMANIĠĠJAR TA' SKART MUNIĊIPALI
HUWA EFFETTIV BIEX JGĦIN LILL-ISTATI
MEMBRI JIKSBU L-OBJETTIVI TAL-
POLITIKA TAL-UE DWAR L-ISKART?**

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Telefown: +352 4398-1
Faks: +352 4398-46410
E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: <http://eca.europa.eu>

Rapport Speċjali Nru 20 // 2012

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2012

ISBN 978-92-9241-014-8
doi:10.2865/42651

© L-Unjoni Ewropea, 2012
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

WERREJ

Paragrafu

GLOSSARJU

I-IV SOMMARJU EŻEKUTTIV

1-13 INTRODUZZJONI

1-9 IMMANIĠĠJAR TA' SKART MUNIĊIPALI FL-UE

10-13 IL-KOFINANZJAMENT MILL-MIŻURI STRUTTURALI TAL-UE TAL-INFRASTRUTTURI GĦAL SKART SOLIDU MUNIĊIPALI

14-19 AMBITU U APPROĊĊ TAL-VERIFIKA

20-68 OSSERVAZZJONIJIET

20-34 L-INFRASTRUTTURI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' SKART MUNIĊIPALI RNEXXEW?

23-28 L-IMPJANTI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART KIENU EFFETTIVI SA GRADI DIFFERENTI IŻDA DAWK LI RĊEVEW SKART MHUX SEPARAT KELLHOM PRESTAZZJONI BAXXA

29-34 KWAŻI L-INFRASTRUTTURI KOLLHA SSODISFAW IR-REKWIŻITI AMBJENTALI, IŻDA AKTAR MINN ŻEWĠ TERZI TAL-MIŻBLIET MA KELLHOMX IS-SIGURTÀ FINANZJARJA MEĤTIEĠA GĦALL-ISPEJJEŻ TAL-GĤELUQ U TAL-KURA TA' WARA

35-44 L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UE DWAR L-ISKART INKISBU FIL-LIVELL REĠJONALI?

37-38 RAPPURTAR INKONSISTENTI TA' DATA

39 IL-PRODUZZJONI TA' SKART ŻDIEDET F'SITTA MIR-REĠJUNI KKAMPJUNATI

40-42 KWART BISS TAR-REĠJUNI KKAMPJUNATI ŻIEDU B'MOD SINIFIKANTI R-RATA TAGĤHOM TA' ĠBIR SEPARAT, NAQQSU D-DIPENDENZA TAGĤHOM FUQ IR-RIMI F'MIŻBLIET U KKONTRIBWIXXEW GĤALL-ILĤUQ TAL-MIRI TAL-UE

43-44 MIŻBLIET ILLEGALI NQRDU F'NOFS IR-REĠJUNI IŻDA ĠENERALMENT L-ISKART NTREMA F'MIŻBLA MINGĤAJR EBDA TRATTAMENT PREĊEDENTI

45-68 ĠEW STABILITI MIŻURI BIEX TIĠI MASSIMIZZATA L-EFFETTIVITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UE?

47-54 IL-LIVELL TA' IMPLIMENTAZZJONI TA' MIŻURI TA' INFORMAZZJONI, AMMINISTRATTIVI U EKONOMIĊI LI HUMA TA' APPOĠĠ VARJA B'MOD SINIFIKANTI FOST IR-REĠJUNI KKAMPJUNATI

55-60 WAQT L-APPROVAZZJONI TA' PROĠETTI JEW PROGRAMMI OPERAZZJONALI, IL-KUMMISSJONI MA ĦEĠĠITX L-IMPLIMENTAZZJONI TA' MIŻURI TA' APPOĠĠ

61-68 KIENU NNUTATI DGĤJUFIJET FIL-QAFAS REGOLATORJU TAL-UE DWAR L-ISKART U L-LINJI GĤIDA TAL-UE

69–77 **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET**

70–72 **PRESTAZZJONI TAL-INFRASTRUTTURI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' SKART MUNIĊIPALI**

73–74 **L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UE DWAR L-ISKART FIL-LIVELL REĠJONALI**

75–77 **MIŻURI STABBILITI BIEX TIĠI MASSIMIZZATA L-EFFETTIVITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UE**

ANNEX I — SISTEMA TA' MMANIĠĠJAR TAL-ISKART MIS-SORS TAL-ISKART SAR-RIMI FINALI

ANNEX II — ASSISTENZA MILL-MIŻURI STRUTTURALI ASSENJATA GĦAL PROĠETTI TA' MMANIĠĠJAR TAL-ISKART

ANNEX III — LISTA TA' INFRASTRUTTURI MAGĦŻULA GĦALL-VERIFIKA

ANNEX IV — RATI TA' ASSISTENZA MOGĦTIJA META MQABBLA MAR-RATI LI JIEĦDU KONT TAL-LIVELL TA' KOPERTURA TAL-ISPEJJEŻ OPERATTIVI MINN UNITAJIET DOMESTIĊI

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

GLOSSARJU

Effettività: Kejl tar-rabta bejn ir-riżultati miksuba u l-objettivi stabbiliti.

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR): Strument finanzjarju mfassal biex jipromwovi l-koeżjoni ekonomika u soċjali bejn ir-reġjuni tal-UE. Intervenzjonijiet tal-FEŻR huma prinċipalment implimentati permezz ta' programmi operazzjonali u dokumenti uniċi ta' programmazzjoni li jkopru għadd kbir ta' proġetti.

Fond ta' Koeżjoni: Strument finanzjarju mfassal biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jiffinanzja proġetti ambjentali u tat-trasport fi Stati Membri bi PNG per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

Lissija: Kull likwidu li jnixxi minn ġol-iskart iddepożitat.

Miżuri amministrattivi: F'dan ir-rapport, il-miżuri adottati permezz tal-leġislazzjoni li jeħtieġu li l-produtturi tal-iskart, dawk inkarigati bl-immaniġġjar tal-iskart u/jew il-muniċipalitajiet josservaw ċerti rekwiżiti bħall-implimentazzjoni ta' sistema ta' permess u spezzjoni għall-faċilitajiet ta' mmaniġġjar tal-iskart, l-istabbiliment ta' ġbir separat tal-iskart f'ras il-għajn jew il-konformità ma' standards tal-kwalità fil-produzzjoni ta' kompost.

Miżuri ekonomiċi: F'dan ir-rapport, il-miżuri mfassla biex jipprovdu inċentivi għall-għażla ta' possibbiltajiet li jikkawżaw inqas dannu fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart f'konformità mal-politika tal-UE dwar l-iskart (pereżempju r-riċiklaġġ minflok ir-rimi f'miżbliet). Dawn jinkludu t-tariffi "ħallas biex tarmi" kif ukoll it-taxxi għar-rimi tal-iskart.

Miżuri Strutturali: F'dan ir-rapport, l-interventi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni.

Miżuri ta' informazzjoni: F'dan ir-rapport, il-miżuri li jikkonċernaw l-għoti ta' informazzjoni intenzjonata għall-inkoraġġiment ta' prattiki tajba fir-rimi tal-iskart min-naħa tal-pubbliku biex jikkontribwixxu għall-effettività ta' politika tal-immaniġġjar tal-iskart. Żewġ eżempji ta' dan huma l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-istrateġiji edukattivi.

Perjodu ta' programmazzjoni: Il-qafas pluriennali li fih in-nefqa għal miżuri strutturali tiġi ppjanata u implimentata.

Il-"prinċipju li min iniġġes iħallas": Skont dan il-prinċipju, l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-iskart għandhom jinġarru mill-produttur oriġinali tal-iskart jew mid-detenturi attwali jew preċedenti tal-iskart (sors: id-Direttiva dwar l-iskart).

Programm Operazzjonali: Dokument approvat mill-Kummissjoni li jieħu l-forma ta' sett ta' prijoritajiet koe-renti li jinkludu miżuri pluriennali li jkopru għadd kbir ta' proġetti.

Skart bijodegradabbli: Kull skart li jista' jgħaddi minn dekompożizzjoni anaerobika jew aerobika bħal ikel, skart tal-ġnien, karti u kartonċin.

Skart muniċipali: Skart miġbur minn jew f'isem l-awtoritajiet muniċipali u mormi permezz tas-sistema ta' mmaniġġjar tal-iskart. Il-parti l-kbira ta' dan il-fluss ta' skart jiġi mill-unitajiet domestiċi, għalkemm skart "simili" minn sorsi bħal kummerċ, uffiċċji u istituzzjonijiet pubbliċi huwa inkluż. L-iskart muniċipali huwa magħmul, pereżempju, minn materjal bijodegradabbli, karti, plastik, ħġieġ, metalli, tessili, eċċ. (sors: Il-Eurostat).

Strument għall-Politiki Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA): Strument finanzjarju għall-assistenza ta' pajjiżi kandidati fit-tnejja għall-adeżjoni. Huwa jipprovdi assistenza għal proġetti tal-infrastruttura fl-oqsma prijoritarji tal-UE tal-ambjent u tat-trasport. Wara l-adeżjoni, il-proġetti ISPA tbiddlu fil-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni.

Tariffa fuq l-iskart: Il-prezz impost mill-muniċipalitajiet lill-unitajiet domestiċi għall-ġbir, it-trattament u r-rimi tal-iskart. It-tariffi fuq l-iskart jiġu kkalkulati b'modi differenti skont il-muniċipalitajiet, ibbażat fuq il-metri kwadri tal-appartamenti jew id-djar, fuq l-għadd ta' persuni fl-unitajiet domestiċi, fuq il-konsum tal-ilma tax-xorb, fuq il-piż jew il-volum tal-iskart iġġenerat, eċċ.

Taxxa fuq ir-rimi tal-iskart: Miżura ekonomika maħsuba biex iżżid l-ispiża tar-rimi f'miżbljet u f'xi każijiet ta' inċinerazzjoni wkoll u għalhekk biex ttipprovdi inċentiva għar-riċiklaġġ. It-taxxa, imħallsa għal kull tunnellata ta' skart mormi, tiġi imposta b'żieda mat-tariffi għar-rimi f'miżbljet u/jew għall-inċinerazzjoni.

UE-12: L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE bħala parti mill-adeżjonijiet tal-2004 (10 Stati membri) u tal-2007 (2 Stati Membri).

UE-27: Is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I.

Fl-2010, kull ċittadin tal-UE-27 iġġenera medja ta' madwar 500 kg ta' skart muniċipali, li jekk ma jkunx miġbur, ittrattat u mormi kif suppost, jista' jikkawża impatti ambjentali negattivi. Madankollu, l-immaniġġjar tajjeb tal-iskart jista' jirriżulta f'titjib fl-użu tar-riżorsi peress li l-iskart muniċipali huwa sors ta' materja prima. B'riżultat ta' dan, l-UE introduċiet standards u miri komuni fil-forma ta' direttivi, għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali u tikkofinanzja l-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart f'reġjuni speċifiċi.

II.

Il-verifika tal-Qorti ffukat fuq il-kofinanzjament mill-UE tal-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali u eżaminat jekk il-finanzjament kienx effettiv biex jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart. Il-Qorti vvalutat direttament il-prestazzjoni tas-26 infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart ikkampjunati u eżaminat il-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart kif ukoll l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ fit-tmien reġjuni fejn kienu jinsabu l-infrastrutturi. Ir-rwol tal-Kummissjoni kien eżaminat ukoll.

III.

Il-Qorti kkonkludiet li, għalkemm fi kważi r-reġjuni kollha magħżula għe osservat xi titjib fl-immaniġġjar tal-iskart, l-effettività tal-finanzjament minn miżuri strutturali għall-infrastrutturi tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali kienet imxekkla mill-implimentazzjoni fqira tal-miżuri ta' appoġġ:

- (a) Il-prestazzjoni ta' infrastrutturi kofinanzjati kienet dipendenti ħafna fuq l-istrateġiji tal-ġbir tal-iskart. Fir-rigward tal-miżbljet, l-iskart għe ddepożitat mingħajr trattament adegwat u iġġenerali ma twarrbux ammonti finanzjarji suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

- (b) Ir-rappurtar dwar il-kisba tal-miri tal-UE kien im-
 xekkel mill-affidabbiltà tad-*data*, li jrendi diffiċli
 l-monitoraġġ mill-Kummissjoni. Għalkemm fi
 kważi r-reġjuni kollha ġie osservat xi titjib fl-
 immaniġġjar tal-iskart, il-ġenerazzjoni ta' skart *per*
capita żdiedet f'sitta mit-tmien reġjuni vverifikati.
 Fiż-żewġ reġjuni li kkontribwixxew għall-kisba
 tal-miri tal-UE, l-iskart bijodegradabbli nġabar
 separatament u t-taxxi fuq ir-rimi f'miżbliet kienu
 implimentati b'mod aktar wiesa' li rriżulta fi tnaq-
 qis tad-dipendenza fuq ir-rimi f'miżbliet. L-iskart
 ġeneralment intrema f'miżbla mingħajr trattament
 adegwat.
- (c) L-effettività tal-finanzjament mill-UE ma ġietx
 massimizzata minħabba fl-implimentazzjoni
 dgħajfa ta' miżuri ta' informazzjoni, amministrati-
 tivi u ekonomiċi li huma ta' appoġġ. L-implimen-
 tazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' appoġġ ma kinitx
 kundizzjoni għal għotja mill-UE. Kienu nnutati
 dgħjufijiet ukoll fil-qafas regolatorju tal-UE dwar
 l-iskart u l-linji gwida tal-UE.
- IV.**
 Il-Qorti tirrakkomanda li:
- (a) L-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq l-infrastrut-
 turi għall-immaniġġjar tal-iskart li jittrattaw l-iskart
 li jkun ġie ssegregat qabel f'ras il-għajn u jiżguraw
 li l-miżbliet jittrattaw l-iskart qabel ma jintrema
 u jkollhom sigurtà finanzjarja suffiċjenti biex tkopri
 l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara. Il-Kummiss-
 joni għandha titlob l-implimentazzjoni ta' dawn
 ir-rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri qabel
 ma jingħata appoġġ finanzjarju mill-UE.
- (b) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu *databases*
 affidabbli dwar l-immaniġġjar tal-iskart u l-Kum-
 missjoni għandha tittestja l-affidabbiltà tal-istatis-
 tika li tirċievi mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni,
 il-Parlament u l-Kunsill għandhom jikkunsidraw li
 jorbtu l-appoġġ finanzjarju mill-UE mal-kisba tal-
 objettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart.
- (c) L-Istati Membri għandhom jimplementaw miżuri
 ta' informazzjoni, amministrattivi u ekonomiċi biex
 jappoġġaw l-infrastrutturi kofinanzjati. B'mod par-
 tikolari, l-Istati Membri għandhom jagħtu aktar
 attenzjoni għall-parteciġazzjoni u l-konformità
 tal-pubbliku, jiffukaw fuq l-implimentazzjoni ta'
 ġbir separat inkluż l-iskart bijodegradabbli meta
 dan ikun kosteffettiv u jimplementaw taxa fuq ir-
 rimi f'miżbliet kif ukoll inċentivi permezz ta' tariffa
 biex iħeġġu l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart.
 Il-Kummissjoni għandha titlob l-implimentazzjoni
 ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet mill-Istati Mem-
 bri qabel ma jingħata appoġġ finanzjarju mill-UE;
 għandhom jiġu applikati rati ta' assistenza mnaqq-
 sa meta l-"prinċipju li min iniġġes iħallas" ma jiġix
 applikat.
- (d) Il-Kummissjoni għandha ttejjeb il-qafas regula-
 torju tal-UE dwar l-iskart u l-linji gwida tal-UE.
 B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tipp-
 roponi miri għall-prevenzjoni tal-iskart, tikkjari-
 fika l-kunċett ta' trattament qabel ir-rimi, tikkun-
 sidra l-opportunità li tiżviluppa mal-Istati Membri
 standards tal-kwalità tal-UE għall-kompost u tipp-
 rovdi gwida xierqa u xxerred l-aħjar prassi fir-
 rigward tal-metodoloġija li għandha tintuża sabiex
 issir stima tal-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara
 tal-miżbliet.

INTRODUZZJONI


IMMANIĠĠJAR TA' SKART MUNIĊIPALI FL-UE

1. Is-soċjetà Ewropea saret aktar għanja matul dawn l-aħħar għaxar snin, b'livelli ogħla ta' konsum u ta' produzzjoni. FI-2010, kull ċittadin Ewropew iġġenera medja ta' 502 kg ta' skart muniċipali, li jvarja minn 304 kg fil-Latvja għal 760 kg f'Ċipru (ara l-**Figura 1**).
2. L-iskart muniċipali, jekk ma jkunx miġbur, ittrattat u mormi kif suppost, huwa theddida għas-saħħa pubblika u jista' jikkawża impatti ambjentali negattivi fuq l-arja (permezz ta' gassijiet serra), il-ħamrija (permezz ta' lissija minħabba dumping illegali jew miżbliet mhux ikkontrollati sew) u l-ilma (permezz ta' ilma li jiġi f'kuntatt mal-iskart u li jidħol fl-akwiferi jew fl-ilma tal-wiċċ), kif ukoll problemi bl-irwejjaħ.

FIGURA 1

ĠENERAZZJONI TA' SKART MUNIĊIPALI PER CAPITA FL-2010 SKONT L-ISTAT MEMBRU

(f'kg/capita)




Sors: L-Eurostat.

3. L-immaniġġjar tajjeb tal-iskart jista' jirriżulta f'titjib fl-użu tar-riżorsi peress li l-iskart muniċipali jista' jkun sors ta' materja prima. Il-karti, il-kartonċin, il-metalli, il-ħġieġ u l-plastik jistgħu jiġu rriċiklati, u l-iskart bijodegradabbli jiġi trasformat f'kompost rikk fin-nutrijenti li jintuża fl-agrikoltura bħala materjal li jtejjeb il-ħamrija. Dak li jibqa' jista' jiġi inċinerat (irkupru tal-enerġija) jew mormi f'miżbla.
4. **Fl-Anness 1** tingħata dijagramma tal-elementi prinċipali tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali. It-tipi ta' infrastrutturi li ġejjin, flimkien mal-ġbir tal-iskart (separat jew mhux segregat f'ras il-għajn), jiffurmaw is-sistema tipika tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali:
- impjant għas-separazzjoni: faċilità intenzjonata għas-segregazzjoni ta' materjali riċiklabbli bħal karti u kartonċin, ħġieġ, imballaġġ u metalli, permezz ta' ċineġ trasportaturi għas-separazzjoni manwali u/jew proċessi awtomatiċi bħall-fluss tal-arja jew separaturi ottiċi;
 - impjanti tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika: faċilitajiet imfassla biex jittrattaw l-iskart bijodegradabbli. L-impjanti tal-ikkompostjar iwettqu proċess bijoloġiku aerobiku biex jikkonvertu l-iskart bijodegradabbli f'materjal granulari stabbli li jista' jiġi applikat fuq l-art bħala materjal li jtejjeb il-ħamrija filwaqt li l-impjanti għad-diġestjoni anaerobika japplikaw sustanzi kimiċi biex jgħinu l-proċess ta' dekompożizzjoni. Hawnhekk, fin-nuqqas ta' arja, il-batterja taġixxi fuq skart bijodegradabbli biex tikkonvertih f'bijogass diġerit u rikk fil-metan li jintuża għall-produzzjoni tal-enerġija;
 - impjant għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku: faċilità li tikkombina s-separazzjoni ma' forma ta' trattament bijoloġiku bħall-ikkompostjar jew id-diġestjoni anaerobika. L-istadju ta' trattament mekkaniku jissepara l-partijiet bijodegradabbli u nexfin tal-iskart u f'xi każijiet jissegrega l-materjal riċiklabbli. Imbagħad il-materjal bijodegradabbli jgħaddi minn trattament bijoloġiku;
 - inċineratur: impjant intenzjonat biex jaħraq l-iskart bl-irkupru tal-enerġija jew mingħajru;
 - miżbla: sit għar-rimi ta' materjali tal-iskart li jiġu ddepożitati ġo jew fuq l-art.

5. Ir-rimi f'miżbliet jibqa' l-għażla dominanti għall-immaniġġjar tal-iskart fil-parti l-kbira mill-Istati Membri tal-UE, anki jekk l-irkupru tal-enerġija u speċjalment ir-riċiklaġġ żdiedu fl-importanza fi snin reċenti (ara l-**Figura 2**).
6. Sabiex jitnaqqas l-impatt negattiv tal-iskart municiġjali fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika u biex jiġi promoss użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, l-UE introduċiet prinċipji ġenerali u standards u miri komuni fil-forma ta' direttivi, għall-immaniġġjar ta' skart municiġjali.

FIGURA 2

TRATTAMENT TA' SKART MUNICIġJALI FL-2010 SKONT L-ISTAT MEMBRU



Sors: L-Eurostat.

7. Il-qafas tal-politika tal-UE dwar l-iskart ġie stabbilit fid-direttiva tal-15 ta' Lulju 1975¹. Skont din id-direttiva, il-politika tal-UE dwar l-iskart hija bbażata fuq il-promozzjoni tal-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart. Jekk il-ġenerazzjoni tal-iskart ma tistax tiġi evitata, għandu jiġi rkuprat l-akbar ammont possibbli ta' materjali, preferibbilment permezz tar-riċiklaġġ, bir-rimi f'miżbljet użat biss bħala l-aħħar għażla. Hija introduċiet ukoll il-"prinċipju li min iniġġes iħallas". Id-Direttiva dwar l-iskart tal-2008² kompliet tiżviluppa dawn il-prinċipji bl-istabbiliment ta' piramida obbligatorja ta' ġerarkija tal-iskart li tikkonsisti f'ħames passi (ara l-**Figura 3**).
8. Id-Direttiva dwar l-iskart kienet ikkomplementata b'għadd ta' direttivi speċifiċi għall-operazzjonijiet ta' trattament tal-iskart (ir-rimi f'miżbljet³ u l-incinerazzjoni⁴) jew għall-flussi speċifiċi ta' skart, bħall-imballaġġ⁵ jew it-tagħmir elettriku u elettroniku⁶. Dawn id-direttivi jistabbilixxu l-miri kwantitattivi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri f'termini ta' perċentwal tad-devjazzjoni ta' skart bijodegradabbli mill-miżbljet, ir-riċiklaġġ u r-rati tal-irkupru tal-imballaġġ u l-ġbir separat ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. L-iskadenzi għall-konformità mal-miri ġew estiżi għal xi Stati Membri biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni tagħhom tal-bidu f'termini ta' mmaniġġjar ta' skart (ara t-**Tabella 1**).

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart (ĠUL 194, 25.7.1975, p. 39), emendata fl-1991 bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE tat-18 ta' Marzu 1991 (ĠU L 78, 26.3.1991, p. 32) u sussegwentement ikkodifikata bid-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9) li ġiet imħassra bid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

² Id-Direttiva 2008/98/KE.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

⁴ Id-Direttiva 2000/76/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2000 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 91) li tħassret bid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

⁵ Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10), emendata bid-Direttiva 2004/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 26) u bid-Direttiva 2005/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 17).

FIGURA 3

PIRAMIDA TA' ĠERARKIJA TAL-ISKART



Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

9. L-effettività tal-politika dwar l-immaniġġjar tal-iskart tista' tittejjeb permezz ta' miżuri ta' appoġġ b'ħaż-żamma ta' kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, it-tfassil mill-ġdid ta' proċeduri amministrattivi jew l-istabbiliment ta' inċentivi jew disinċentivi finanzjarji. Xi drabi dawn huma meħtieġa b'regolament, b'ħall-ħtieġa li l-konsumaturi jkunu informati b'mod adegwat, iżda f'każijiet oħra, dawn huma r-riżultat ta' esperjenza miksuba fl-immaniġġjar ta' skart muniċipali, b'ħall-implimentazzjoni ta' taxxa fuq ir-rimi tal-iskart jew il-ġbir separat tal-iskart bijodegradabbli.

⁶ Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Janjar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24), emendata bid-Direttiva 2003/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 106) u bid-Direttiva 2008/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 65). Din id-Direttiva g'iet riformulata bid-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

TABELLA 1

MIRI LI GĦANDHOM JINTLAĦQU MILL-ISTATI MEMBRI

| Direttivi | Miri |
|---|---|
| Id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet | <p>Mira ġenerali: L-iskart muniċipali bijodegradabbli li jmur ġol-miżbliet irid jitnaqqas għal 75 %, 50 % u 35 % tal-ammont totali ta' skart muniċipali bijodegradabbli prodott fl-1995, sa tmiem l-2006, l-2009 u l-2016 rispettivament.</p> <p>Mira speċifika għall-Portugall u r-Rumanija: L-iskadenzi huma tmiem l-2010, l-2013 u l-2020 rispettivament.</p> |
| Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ | <p>Mira ġenerali: Sa tmiem l-2008, għandu jiġi rkuprat minimu ta' 60 % bil-piż ta' skart mill-imballaġġ u bejn minimu ta' 55 % u massimu ta' 80 % għandu jiġi rriċiklat. Barra minn hekk, għandhom jintlaħqu l-miri li ġejjin għar-riċiklaġġ minimu għal materjali li jinsabu fl-iskart tal-imballaġġ: 60 % bil-piż għall-ħġieġ, 60 % bil-piż għall-karti u l-kartonċin, 50 % bil-piż għall-metalli, 22,5 % bil-piż għall-plastik u 15 % bil-piż għall-injam.</p> <p>Mira speċifika għall-Portugall: Sa tmiem l-2005 l-ikupru ta' skart mill-imballaġġ għandu jilħaq 50-65 %, u 25-45 % bil-piż tat-totalità ta' materjali tal-imballaġġ li jinsabu fl-iskart mill-imballaġġ għandu jiġi rriċiklat (b'minimu ta' 15 % bil-piż għal kull materjal tal-imballaġġ). Il-mira ġenerali għall-2008 għandha tinkiseb sal-2011.</p> <p>Mira speċifika għar-Rumanija: Il-mira ġenerali għall-2008 għandha tintlaħaq sal-2013 b'miri intermedji.</p> |
| Id-Direttiva dwar Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku | <p>Sa tmiem l-2006 trid tinkiseb rata ta' ġbir separat ta' medja ta' mill-inqas erba' kilogrammi ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għal kull abitant kull sena minn unitajiet domestiċi privati.</p> <p>Mira speċifika għar-Rumanija: Sa tmiem l-2006, l-2007 u l-2008 rispettivament trid tinkiseb rata ta' ġbir separat ta' medja ta' mill-inqas tnejn, tlieta u erba' kilogrammi ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku għal kull abitant kull sena minn unitajiet domestiċi privati.</p> |

Sors: Id-direttivi tal-UE dwar l-iskart.

IL-KOFINANZJAMENT MILL-MIŻURI STRUTTURALI TAL-UE TAL-INFRASTRUTTURI GĦAL SKART SOLIDU MUNIĊIPALI

- 10.** F'reġjuni speċifiċi, l-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ finanzjarju mill-UE għal infrastrutturi fil-qasam tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, EUR 4,6 biljun minn dawn il-fondi kienu assenjati għal infrastrutturi għal skart urban u industrijali. Għall-perjodu 2007-2013, il-kontribuzzjoni tal-UE għal infrastrutturi għall-iskart ser tiżdied għal EUR 6,2 biljun, li minnhom madwar 70 % ser ikunu fl-Istati Membri tal-UE-12. L-ammonti assenjati skont l-Istat Membru għaż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni jingħataw fl-**Anness II**.
- 11.** L-infrastrutturi kofinanzjati huma implimentati taħt ġestjoni kondiviża, fejn il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarja għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE⁷. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, minbarra l-approvazzjoni ta' programmi operazzjonali, il-Kummissjoni approvat l-applikazzjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri għall-proġetti kollha tal-Fond ta' Koeżjoni u għall-proġetti tal-FEŻR li l-ispiża totali tagħhom kienet aktar minn EUR 50 miljun (proġetti kbar). Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, minbarra l-approvazzjoni ta' programmi, huma biss il-proġetti li jkollhom spiża ta' aktar minn EUR 50 miljun li jridu jiġu approvati mill-Kummissjoni⁸.
- 12.** Żewġ Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni⁹ għandhom rwol sinifikanti fil-qasam ta' skart muniċipali.
- (a) Id-DĠ għall-Ambjent huwa responsabbli mill-politika ambjentali tal-UE fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart. Huwa meħtieġ jissorvelja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata (bħalma hija l-kisba ta' miri speċifiċi) u jiġi kkonsultat mid-DĠ għall-Politika Reġjonali u Urbana meta jkun qed jeżamina l-kwalità tal-proposti għal programmi operazzjonali u proġetti kbar¹⁰;
- (b) Id-DĠ għall-Politika Reġjonali u Urbana huwa responsabbli għall-baġit tal-UE fil-qasam tal-politika reġjonali, li taħtha jistgħu jiġu kofinanzjati l-proġetti ta' infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart.
- 13.** Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, il-miżuri strutturali kkofinanzjaw prinċipalment it-tipi li ġejjin ta' infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart: impjanti tas-separazzjoni (ara l-**Istampa 1**), impjanti tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika (ara l-**Istampa 2**), faċilitajiet tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku, sistemi ta' ġbir separat u miżbljet (kemm il-konstruzzjoni ta' dawk ġodda kif ukoll l-għeluq u r-riabilitazzjoni ta' dawk qodma) (ara l-**Istampa 3**). Dawn it-tipi ta' infrastrutturi huma mistennija jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart billi jiddevjaw l-iskart bijodegradabbli mill-miżbljet u jżidu r-rati ta' riċiklaġġ (ara l-**Kaxxa 1**).

⁷ L-Artikolu 17(1) TUE u l-Artikolu 317 tat-TFUE.

⁸ Mill-1 ta' Jannar 2007 sal-25 ta' Ġunju 2010 l-ammont kien EUR 25 miljun fil-każ tal-ambjent.

⁹ Direttorat Ġenerali ieħor, id-DĠ Estat, huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tas-Sistema Statistika Ewropea u l-forniment ta' statistika rilevanti lil servizzi oħra tal-Kummissjoni. Id-DĠ huwa l-fornitur prinċipali tal-istatistika dwar l-iskart li l-utent prinċipali tagħha huwa id-DĠ Ambjent.

¹⁰ Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 id-DĠ Ambjent ġie kkonsultat ukoll mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana fil-każ tal-applikazzjonijiet għall-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni.

EŻEMPJI TA' INFRASTRUTTURI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART KOFINANZJATI MILL-UE

Impjant għas-separazzjoni fil-Portugall (RESITEJO), b'kapaċità ta' 9 000 tonnellata kull sena, bil-għan tar-rekuperazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u karti u ħġieġ issegregati preċedentement f'ras il-għajn fi grupp ta' municiċipalitajiet. Il-materjali riċiklabbli, isseparati manwalment, inbigħu lill-operatori tar-riċiklaġġ u l-iskart residwali ttieħed f'miżbla fil-viċinanza. L-ispiża tal-proġett eliġibbli għall-assistenza mill-UE kienet ta' EUR 2,28 miljun, b'EUR 1,71 miljun ta' kofinanzjament mill-FEŻR.

Fir-Rumanija, impjant għall-ikkompostjar (Râmnicu Vâlcea) kien intenzjonat għat-trattament ta' skart bijodegradabbli miġbur separatament minn unitajiet domestiċi kif ukoll ta' skart veġetali minn parkijiet municiċipali u t-trasformazzjoni tiegħu f'kompost. B'kapaċità li jitratta 14 400 tonnellati ta' skart kull sena, l-impjant kien maħsub biex jikkontribwixxi għad-devjazzjoni tal-iskart bijodegradabbli mill-miżbljet f'konfomità mal-miri tad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbljet. L-infrastruttura kienet parti minn proġett integrat għall-immaniĠĠjar tal-iskart li sewa EUR 14,67 miljun li għalih l-assistenza mill-UE ammontat għal EUR 11 miljun.

Proġett fi Spanja (Alt Empordà) kien jikkonsisti mit-tkabbir ta' miżbla b'kapaċità ta' 1 167 603 m³ kif ukoll it-titjib taċ-ċelloli eżistenti f'termini ta' ġbir u trattament ta' gass u lissija sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tas-sit. L-ispiża tal-proġett kienet ta' EUR 5,71 miljun, li EUR 4,57 miljun minnhom ġew mill-Fond ta' Koeżjoni.

Stampa 1 - Impjant għas-separazzjoni



Stampa 2 - Impjant għall-ikkompostjar



Stampa 3 - Miżbla



AMBITU U APPROĊ TAL-VERIFIKA

- 14.** L-objettiv prinċipali tal-verifika kien li jiġi vvalutat kemm huwa effettiv il-finanzjament tal-infrastrutturi għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali minn miżuri strutturali biex jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart.
- 15.** Il-Qorti indirizzat it-tliet mistoqsijiet li ġejjin:
- (a) L-infrastrutturi għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali r-nexxew?
 - (b) L-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart inkisbu fil-livell reġjonali¹¹?
 - (c) Ġew stabbiliti miżuri biex tiġi massimizzata l-effettività tal-finanzjament mill-UE?
- 16.** Il-kriterji ta' valutazzjoni użati għall-verifika huma spjegati aktar fir-rapport, taħt kull mistoqsija (ara l-paragrafi 20, 21, 35 u 45). Bħalma huwa normalment il-każ fil-verifika tal-prestazzjoni, huma jieħdu kont tal-eżempji tal-prattika tajba osservati fil-qasam (ara l-paragrafu 9).
- 17.** Il-verifika twettqet fil-Kummissjoni Ewropea u fi tmien reġjuni f'erba' Stati Membri (Spanja, l-Italja, il-Portugall u r-Rumanija). Il-kampjun tal-infrastrutturi vverifikati ffoka fuq l-Istati Membri u r-reġjuni li rċevew livell għoli ta' appoġġ finanzjarju mill-UE għall-immaniġġjar tal-iskart matul il-perjodi ta' programmazzjoni 2000-2006 u 2007-2013 u fejn numru suffiċjenti ta' proġetti kkompletati kienu disponibbli fiż-żmien tal-verifika, sabiex l-effettività tagħhom setgħet tiġi vvalutata. **L-Anness III** fih lista tal-infrastrutturi vverifikati kif ukoll tal-programmi operazzjonali eżaminati.
- 18.** Il-verifika kienet ibbażata fuq valutazzjoni:
- (a) tal-prestazzjoni ta' kampjun ta' 26 infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart kofinanzjati matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006¹²: ħames faċilitajiet għas-separazzjoni, seba' impjanti tal-ikkompostjar jew id-diġestjoni anaerobika, seba' impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku u seba' miżbljet;
 - (b) tal-kisba tal-objettivi tal-UE fir-rigward ta' skart solidu muniċipali fit-tmien reġjuni vverifikati;
 - (c) tal-implimentazzjoni fir-reġjuni kkampjunati ta' miżuri ta' appoġġ kif ukoll tar-rwol tal-Kummissjoni li timmassimizza l-effettività tal-finanzjament mill-UE.

¹¹ Id-direttivi tal-UE dwar l-iskart stabbilixxew objettivi u miri fil-livell tal-Istati Membri. Madankollu, peress li inġenerali r-reġjuni huma responsabbli għall-istabbiliment ta' pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart u peress li huma rċevew appoġġ finanzjarju mill-UE għal infrastrutturi fil-qasam tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali, il-kontribut tagħhom għall-kisba tal-objettivi u l-miri tal-UE ġie vvalutat fil-qafas ta' din il-verifika.

¹² 15-il infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart ibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju mill-Fond ta' Koeżjoni (inklużi 5 faċilitajiet ex-ISPA varati fir-Rumanija meta l-pajjiż kien fil-proċess li jsir Stat Membru). L-għotja ġiet approvata mill-Kummissjoni. 11 kienu proġetti FEŻR li kienu jinsabu fil-programmi operazzjonali u li kienu approvati mill-awtoritajiet ta' ġestjoni responsabbli.

- 19.** Il-verifika twettqet bejn Jannar u Novembru 2011. Il-fajls tal-proġetti ġew eżaminati mill-Kummissjoni u fl-erba' Stati Membri kkampjunati u saru intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-operaturi tal-infrastruttura. Matul il-verifika, saret żjara lill-infrastrutturi kollha għall-immaniġġjar tal-iskart fil-kampjun. Il-Qorti kienet assistita minn esperti indipendenti esterni intiżi fil-qasam tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali. Ġew stabbiliti kriterji tal-verifika bl-assistenza ta' esperti esterni u dawn ġew diskussi mal-Kummissjoni fl-ippjanar tal-verifika.

OSSERVAZZJONIJIET

L-INFRASTRUTTURI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' SKART MUNIĊIPALI RNEXXEW?

20. Il-prestazzjoni tal-infrastrutturi kofinanzjati għandha tkun konformi mat-tfassil tekniku tagħhom, l-applikazzjoni għall-finanzjament u l-istandards ġeneralment aċċettati.
21. Skont id-Direttiva dwar l-Iskart, l-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart għandhom jitfasslu u jiġu operati biex jiggarantixxu li l-iskart jiġi ttrattat u mormi mingħajr riskju għall-ilma, l-arja u l-ħamrija u mingħajr ma jikkawża problemi ta' storbju jew irwejjaħ. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet teħtieġ l-istabbiliment ta' sigurtà finanzjarja biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara għal perjodu ta' mill-inqas 30 sena, peress li t-tħeddid ambjentali potenzjali jestendi għal wara l-fażi operazzjonali.
22. Il-Qorti eżaminat jekk:
- I-infrastrutturi kofinanzjati għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali kinux effettivi, f'termini tal-kisba tar-riżultati mistennija;
 - I-operazzjoni tal-infrastrutturi kofinanzjati għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali kinitx ħolqot problemi ambjentali.

¹³ Proporzjon li jindika l-proporzjoni tat-tunnellati ta' skart ittrattat fl-impjant mqabbla mat-tunnellati ta' materjali rkuprati.

L-IMPJANTI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART KIENU EFFETTIVI SA GRADI DIFFERENTI IŻDA DAWK LI RĊEVEW SKART MHUX SEPARAT KELLHOM PRESTAZZJONI BAXXA

IMPJANTI TAS-SEPARAZZJONI

23. Il-ħames impjanti tas-separazzjoni eżaminati mill-Qorti, li kienu mfassla għar-rekuperazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ (u f'xi każijiet ta' karti u ħġieġ) issegregat f'ras il-għajn mill-unitajiet domestiċi, ġeneralment kellhom prestazzjoni sodisfaċenti meta mqabbel mat-tfassil tekniku tagħhom u tal-istandards ġeneralment aċċettabbli f'termini tal-proporzjon ta' materjal dieħel / materjal prodott (input / output)¹³ u l-kwalità tal-materjali rkuprati:
- huma rkupraw bejn 50 % u 74 % tal-iskart mill-imballaġġ li rċewew;
 - il-kwalità tal-materjali rkuprati normalment kienet konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tas-suq u għalhekk setgħu jinbigħu.

- 24.** Madankollu, tlieta mill-ħames impjanti ta' separazzjoni kienu qed joperaw f'bejn 106 % u 154 % tal-kapaċità tat-tfassil tagħhom wara sitta jew seba' snin tal-operat minħabba fi dgħjufijiet fl-istadju tal-ippjanar tal-infrastrutturi. F'każ wieħed, aktar municiġalitajiet milli kien ippjanat oriġinarjament kienu moqdiya mill-impjant u f'żewġ każijiet il-kwantità ta' skart miġbur separatament f'ras il-għajn kienet akbar milli previst. Meta l-impjanti jkunu mgħobbija żżejjed ikun hemm ir-riskju li l-proporzjon ta' materjali rkuprati jitnaqqas kif ukoll li l-istandards tal-kwalità għal materjali rkuprati meħtieġa mill-kumpaniji ta' riċiklaġġ, ma jintlaħqux.

IMPJANTI TAL-IKKOMPOSTJAR U D-DIĠESTJONI ANAEROBIKA

- 25.** Il-prestazzjoni tas-seba' impjanti tal-ikkompostjar jew d-diġestjoni anaerobika, intenzjonati għat-trattament tal-iskart bijodegradabbli bil-produzzjoni tal-kompost, kienet tvarja. Il-Qorti nnutat li:
- (a) il-kwantità ta' kompost prodott imqabbel mat-tunnellaġġ ta' skart municiġali dieħel fil-faċilitajiet kienet taħt il-mira tat-tfassil f'erbgħa mill-impjanti magħżula (il-proporzjon ta' materjal dieħel/materjal prodott f'dawk l-impjanti varja minn 1 % għal 22 %) bir-riżultat li kwantitajiet sinifikanti ta' skart residwali ntremew f'miżbla.
 - (b) f'żewġ impjanti, il-kwalità tal-kompost prodott kienet taħt l-oġjettivi stabbiliti fl-applikazzjonijiet, speċjalment meta dan irriżulta minn skart imħallat, minħabba fil-kontenut għoli ta' metalli tqal, u għalhekk l-adegwatezza tiegħu għal użi oħra, bħall-agrikoltura, tnaqqset. Fit-tielet impjant l-operatur ittestja l-kontenut ta' metalli tqal matul l-ewwel sena biss tal-operat u mhux fl-erba' snin ta' wara;

EŻEMPJU TA' KIF IL-KOMPOST JISTA' JIĠI KUMMERĊJALIZZAT B'SUĊĊESS

Impjant Portugiż tal-ikkompostjar (LIPOR), li jaqdi madwar miljun abitant, irċieva biss skart bijodegradabbli miġbur separatament, sew jekk skart tal-ikel u l-kċina kif ukoll skart veġetali. L-operatur tal-impjant, permezz ta' sforzi bħall-iżvilupp ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, iffoka fuq is-separazzjoni u l-ġbir xierqa tal-iskart bijodegradabbli sabiex itejjeb il-kwalità tal-materja prima li tinbidel f'kompost. Fl-2010, l-impjant ipproduċa 10 027 tunnellata ta' kompost ta' kwalità għolja, li ġie kkommerċjalizzat faċilment bi prezz medju ta' EUR 71,8 għal kull tunnellata.

- (c) kien diffiċli biex il-kompost li ġie prodott jinbigħ f'ħamsa mis-seba' faċilitajiet ikkampjunati minħabba fin-nuqqas ta' żvilupp tas-suq tal-kompost¹⁴ u fil-kwalità baxxa tiegħu. Il-kompost eventwalment inbigħ għal inqas minn EUR 1 għal kull tunnellata. F'żewġ każijiet, ġew akkumulati stokkijiet minkejja li l-produzzjoni kienet sinifikattivament taħt dik immirata;
- (d) żewġ impjanti kienu qed joperaw b'rata taħt 10 % tal-kapaċità tagħhom peress li l-parti l-kbira tal-iskart bijodegradabbli miġbur separatament ma setax jintuża billi kien imħallat ma' tipi oħra ta' skart u kellu jintrema direttament f'miżbla. Għall-kuntrarju, żewġ impjanti oħra kienu mgħobbija żżejjed peress li kienu qed joperaw b'rata ta' 102 % u 119 % tal-kapaċità.

¹⁴ Suq tal-kompost adegwat ikun jimplika l-eżistenza ta' standards tal-kwalità għall-kompost, l-indikazzjoni ta' użi xierqa potenzjali u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni intenzjonati għall-promozzjoni tal-utilizzazzjoni tal-kompost.

IMPJANTI TAT-TRATTAMENT MEKKANIKU U BIJOLOĠIKU

- 26.** Sitt impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku vverifikati kienu operazzjonali; madankollu, is-seba' wieħed, li jinsab fil-Puglia, li għalih ix-xogħlijiet kienu kkompletati fl-2003 ma kienx qed jopera fiż-żmien tal-verifika minħabba fi problemi sinifikanti fl-għoti tal-kuntratt għall-operat u fid-dewmien fil-kisba tal-permessi meħtieġa. Matul dan il-perjodu mill-2003, l-impjant kien inżamm taħt manutenzjoni konservattiva bi spiża ta' EUR 3,5 miljun (jew 24 % tal-ispiża totali tal-investment) sostnuta mill-Istat Membru.
- 27.** Ħamsa mis-sitt impjanti operazzjonali tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku vverifikati, kienu intenzjonati biex jittrattaw skart imħallat (inkluż skart bijodegradabbli). Il-Qorti nnutat prestazzjoni baxxa ħafna f'termini ta' materjali rkuprati u d-devjazzjoni tal-iskart mill-miżblat. F'termini ta' prestazzjoni dawn is-sitt impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku jistgħu jinqasmu fi tliet gruppi:
- (a) impjant wieħed tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku kkontribwixxa b'mod ċar għall-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart u b'mod partikolari għad-devjazzjoni mill-miżblat, anki jekk ma kisibx bis-sħiħ il-miri stabbiliti fit-tfassil tekniku tiegħu (ara l-**Kaxxa 3**);
 - (b) impjant ieħor tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku kellu livelli differenti ta' prestazzjoni. Huwa rnexxielu jibgħat il-parti n-niexfa tal-iskart lil impjant estern għall-produzzjoni ta' fjuwil derivat miż-żibel u inqas minn 50 % tal-iskart dieħel fl-impjant intrema f'miżbla. Madankollu, bl-eċċezzjoni ta' ammont żgħir ta' rkupru ta' metalli, ma sar l-ebda rkupru ieħor ta' materjali, u l-iskart bijodegradabbli ma ġiex irriċiklat peress li l-materjal diġerit li rriżulta mill-proċess intrema f'miżbla;
 - (c) erba' impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku ma naqqasux b'mod sinifikanti l-kwantità ta' skart li ntrema f'miżbla (ara l-**Kaxxa 4**).

KAXXA 3

EŻEMPJU TA' IMPJANT GĦAT-TRATTAMENT MEKKANIKU U BIJOLOĠIKU KONFORMI MAL-ĠERARKIJA TAL-UE DWAR L-ISKART U D-DEVJAZZJONI TAL-ISKART MILL-MIŻBLIET

Impjant għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku fi Spanja (Sant Adrià de Besòs) rċieva biss skart residwali, peress li imballaġġ, ħġieġ, karti u kartonċin u skart bijodegradabbli nġabru separatament qabel permezz ta' konteni-turi tal-iskart iddedikati disponibbli għall-popolazzjoni kollha taż-żona koperta mill-faċilità. L-impjant issepara l-porzjon niexef mill-bijoskart. Il-porzjon niexef li kien fadal, wara l-irkupru ta' materjali adatti għall-bejgħ lil riproċessuri bħal ħġieġ, plastiks, metalli u karti u kartonċin, ġie inċinerat u l-enerġija rkuprata f'faċilità fi ħdan l-istess kumpless ta' mmaniġġjar tal-iskart. Il-bijoskart ġie soġġett għal trattament anaerobiku għall-produzzjoni ta' bijogass li mbagħad intuża bħala sors tal-enerġija. B'riżultat tal-proċess, fl-2010, il-materjali rkuprati ammon-taw għal 8 % tal-iskart residwali dieħel fl-impjant meta mqabbel ma' 10 % stabbilit fl-applikazzjoni, il-materjal bijodegradabbli għat-trattament bijoloġiku għal 20 % meta mqabbel ma' 26,5 % ppjanat u l-iskart residwali għall-inċinerazzjoni għal 70 % meta mqabbel ma' 63,5 %.

KAXXA 4

ERBA' IMPJANTI TAT-TRATTAMENT MEKKANIKU U BIJOLOĠIKU LI MA KISBUX IL-MIRI TAGĦHOM U MA KKONTRIBWIXXEWX GĦAD-DEVJAZZJONI TAL-ISKART MILL-MIŻBLIET

Fi tliet faċilitajiet tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku Taljani (Villacidro, Olbia u Cerignola) l-operatur rema l-materjal kollu prodott mill-proċess f'miżbla: il-porzjon in-niexef b'ebda rkupru ta' materjal kif ukoll il-materjal diġerit prodott, li b'kollox jammontaw għal 68 %, 82 % u 93 % tal-iskart dieħel fil-faċilitajiet rispettivi. Kien biss it-telf mill-proċessi (bħall-evaporazzjoni jew il-ġenerazzjoni ta' lissija) li naqqas il-kwantità ta' skart li ntrema f'miżbla. Fi tnejn mill-impjanti l-makkinarju kofinanzjat għall-produzzjoni ta' fjuwil derivat miż-żibel ma ġiex operat f'każ wieħed u fl-ieħor, ġie żarmat minħabba fin-nuqqas ta' xerrejja potenzjali għall-fjuwil. L-unità tas-separazzjoni mekkanika tat-tielet impjant ma kinitx qed tintuża sitt snin wara li l-impjant beda jiġi operat, peress li ma kinitx meħtieġa aktar, billi l-iskart bijodegradabbli nġabar separatament f'ras il-għajjn.

Barra minn hekk, it-tliet impjanti kienu mgħobbija żżejjed u b'riżultat ta' dan 13 %, 52 % u 65 % rispettivament tal-iskart li l-faċilitajiet irċewew ma ġiex ittrattat u ntrema direttament f'miżbla meta kellu kontenut għoli ta' materjal bijodegradabbli, peress li l-iskart bijodegradabbli ma nġabarx separatament f'żewġ każijiet.

Ir-raba' impjant f'dan il-grupp (Linares, Spanja) kien implimenta l-irkupru ta' materjali u ma remiex il-kompost prodott f'miżbla, u dan imbagħad intuża f'xogħlijiet ċivili u fl-agrikoltura. Madankollu, il-miri tal-irkupru ma ntaħqux: bejn 6 % u 9 % biss tal-iskart bijodegradabbli u 4 % ta' materjali rikuperabbli ġew irkuprati meta mqabbla ma' mira ta' 25 %-28 % u 7 %-8 % rispettivament. B'riżultat ta' dan 85 % tal-iskart dieħel fl-impjant ntrema f'miżbla meta kellu kontenut għoli ta' materjal bijodegradabbli. Kien diffiċli biex il-kompost riżultanti prodott jinbigħ u madwar 50 % tal-produzzjoni totali tal-impjant kienet maħżuna fiż-żmien tal-verifika.

MIŻBLIET

- 28.** Fir-rigward tas-seba' miżbliet magħżula, il-Qorti nnutat li l-kwantità ta' skart bijodegradabbli li ntrema f'miżbla kien ivarja minn 31 % għal 55 % tal-iskart totali li ntrema f'miżbla minħabba fin-nuqqas ta' trattament effettiv ta' skart ta' dan it-tip:
- (a) L-iskart intrema f'miżbla mingħajr kwalunkwe trattament f'ħamsa mis-seba' miżbliet eżaminati. Anki jekk, fi tlieta minn dawn il-ħames miżbliet l-iskart bijodegradabbli nġabar separatament, f'żewġ każijiet aktar minn 90 % tal-iskart bijodegradabbli kien ikkontaminat bi skart mhux bijodegradabbli u b'riżultat ta' dan intrema direttament f'miżbla;
 - (b) skart iddepożitat fiż-żewġ miżbliet magħżula li baqa' ġie ttrattat f'impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku qabel ma ntrema. Madankollu, iż-żewġ faċilitajiet ta' trattament ma kellhomx pres-tazzjoni sodisfaċenti. Wieħed mill-impjanti kien imġobbi żżejjed (52 % tal-iskart riċevut intbagħat direttament għar-rimi f'miżbliet mingħajr trattament). It-tieni wieħed ma laħaqx il-mira tal-irkupru tal-iskart bijodegradabbli stabbilita fit-tfassil tekniku tiegħu u b'riżultat ta' dan l-iskart intrema f'miżbla meta kellu kontenut għoli ta' materja bijodegradabbli (ara l-*Kaxxa 4*).

KWAŻI L-INFRASTRUTTURI KOLLHA SSODISFAW IR-REKWIŻITI AMBJENTALI, IŻDA AKTAR MINN ŻEWĠ TERZI TAL-MIŻBLIET MA KELLHOMX IS-SIGURTÀ FINANZJARJA MEĦTIEĠA GĦALL-ISPEJJEŻ TAL-GĦELUQ U TAL-KURA TA' WARA

- 29.** Għal 25 mis-26 infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart magħżula, l-analiżi tad-*data* mill-Qorti indikat li ġeneralment l-impatti ambjentali fuq l-arja, l-ilma u l-ħamrija kienu sorveljati. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-proġetti kkonformaw mal-permessi rispettivi tagħhom. Impjant wieħed kien għadu mhux qed jopera fiż-żmien tal-verifika (ara l-paragrafu 26).

- 30.** Madankollu, fiż-żmien tal-verifika, fi tnejn mis-seba' miżbliet magħżula, gass li rriżulta mid-dekompożizzjoni tal-iskart bijodegradabbli ddepożitat ma ġiex miġbur u ttrattat jew maħruq, kif mitlub mid-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet (ara l-**Kaxxa 5**). Gass mill-miżbla mhux ikkontrollat jista' jniġġes l-atmosfera, jaffettwa l-veġetazzjoni u jikkawża splużjonijiet.
- 31.** Il-Qorti nnutat ukoll problemi f'terz mill-infrastrutturi fir-rigward tal-limiti applikabbli għall-emissjonijiet ta' rwejjaħ imniżżlin fil-permessi ambjentali nazzjonali, mill-inqas matul ċerti perjodi tal-operat tagħhom. Nuqqas ta' monitoraġġ fir-rigward ta' rwejjaħ ġie nnutat f'terz ieħor mill-infrastrutturi magħżula. Tnejn mill-impjanti li naqsu milli jimmonitorjaw il-livelli ta' rwejjaħ kienu fl-istess ħin qed jirċievu kofinanzjament mill-UE għal xogħlijiet komplementari sabiex jiġu ttrattati l-problemi ta' rwejjaħ.

KAXXA 5

ŻEWĠ MIŻBLIET MA KELLHOMX ĠBIR TA' GASS U TRATTAMENT JEW ĦRUQ

F'waħda mill-miżbliet fl-Italja (Cavallino), l-iskart kien qed jiġi ddepożitat għal tliet snin u fiż-żmien tal-verifika r-rata ta' użu kienet madwar 70 %. Il-gass iġġenerat b'riżultat tad-dekompożizzjoni ta' materjal bijodegradabbli kien qed jiġi rilaxxat fl-atmosfera mingħajr ma jiġi ttrattat jew maħruq peress li l-kostruzzjoni tal-infrastruttura għall-ġbir tal-gass kienet għadha mhix ikkometata.

F'miżbla fir-Rumanija (Piatra Neamt), kważi sentejn wara li nbeda l-operat, il-Qorti nnutat li ma kien hemm ebda sistema ta' ġbir ta' gass mill-miżbla stabbilita, taħt kostruzzjoni, jew li qed tiġi pplanata.

Dawn iż-żewġ miżbliet irċewew ammont sinifikanti ta' skart bijodegradabbli minħabba fin-nuqqas ta' trattament jew ta' trattament defiċjenti qabel ir-rimi, li għamel il-ġbir u t-trattament jew il-ħruq ta' gass jerġa' aktar rilevanti għas-salvagwardja tal-atmosfera.

- 32.** Madankollu, nofs l-infrastrutturi li kellhom problemi bil-ġestjoni ta' rwejjaħ ma biddlux il-proċessi operazzjonali tagħhom jew għamlu investimenti komplementari biex isolvu tali problemi (ara l-**Kaxxa 6**).
- 33.** L-impatti potenzjali fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-operat ta' miżbliet mhumiex limitati għall-perjodu operazzjonali tal-infrastruttura, peress li infiltrazzjonijiet potenzjali ta' lissija u emissjonijiet ta' gass mill-miżbla jdumu għal deċenni wara li r-rimi tal-iskart ikun intemm. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet teħtieġ li jitwarrbu ammonti biex ikopru l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara għal perjodu ta' mill-inqas 30 sena. Madankollu, ħamsa mis-seba' miżbliet magħżula ma kellhomx biżżejjed sigurtà finanzjarja għal dan il-għan. F'dawn il-każijiet, l-ammonti li fil-fatt ġew iddepożitati, irrISPETTIVAMENT mill-metodoloġija għall-kalkolu tagħhom, mhumiex biżżejjed biex jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli finanzjament xieraq, ladarba l-miżbliet jieqfu milli joperaw, għall-prevenzjoni ta' theddid fit-tul lill-ambjent bħat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-infiltrazzjoni ta' lissija fil-ħamrija jew it-tniġġis tal-atmosfera bl-emissjonijiet ta' gass mill-miżbla.

KAXXA 6

EŻEMPJI TA' MODI KIF JITNAQQSU L-PROBLEMI TA' RWEJJAĦ

F'żewġ impjanti tal-ikkompostjar / diġestjoni anaerobika (VALORSUL, il-Portugall u Gironés, Spanja) ġew innutati problemi ta' rwejjaħ minn monitoraġġ indipendenti. Biex jittrattaw din is-sitwazzjoni l-operaturi implimentaw bidliet fil-proċess tal-operat, bħall-modifikazzjoni tal-iskeda u t-twaqqit tad-dawran tal-kompost, jew fil-manutenzjoni ta', pereżempju, il-bijofiltri. F'wieħed mill-impjanti ġiet implimentata sistema ta' rappurtar sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jibagħtu lmenti dwar irwejjaħ mhux pjaċevoli permezz ta' SMS lill-operatur.

F'żewġ miżbliet fil-Portugall (RESIDOURO u Baixo Tâmega) ġew irreġistrati lmenti dwar problemi ta' rwejjaħ fl-ewwel snin tal-operat. Ġew installati sistemi ta' emissjoni ta' deodorant li kienu attivati meta meħtieġ.

- 34.** Il-Qorti nnutat ukoll differenzi sinifikanti fil-metodoloġġi stabbiliti fir-reġjuni għad-determinazzjoni tal-ammont ta' sigurtà finanzjarja, li rriżultaw f'ammonti differenti ħafna (li varjaw minn EUR 370 000 għal EUR 4 180 000 għal miżbla b'kapaċità ta' madwar 1,4 miljun m³). Dawn il-metodoloġġi ma jipprovdux assigurazzjoni sodisfaċenti li se jkun hemm finanzjament suffiċjenti biex ikopri l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara għal perjodu ta' 30 sena. F'xi każijiet is-sigurtà finanzjarja ġiet determinata mill-ispiża tal-infrastruttura tal-miżbla filwaqt li f'oħrajn l-ammont ġie stabbilit b'kont meħud tal-kapaċità tal-miżbla, is-superfiċje tagħha jew it-tunnellati ddepożitati.

L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UE DWAR L-ISKART INKISBU FIL-LIVELL REĠJONALI?

- 35.** Il-finanzjament minn miżuri strutturali għall-infrastrutturi ta' skart muniċipali għandu jgħin lir-reġjuni benefiċjarji biex jilħqu l-oġġettivi tal-politika dwar l-iskart stabbiliti fid-direttivi tal-UE. B'mod partikolari, il-prevenzjoni ta' skart muniċipali għandha tiġi mħeġġa, ir-reġjuni għandhom iżidu r-rata ta' ġbir separat tagħhom sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-UE¹¹ għar-riċiklaġġ u l-irkupru, u d-dipendenza fuq ir-rimi finali f'miżbljet għandha titnaqqas.
- 36.** Il-Qorti eżaminat jekk:
- (a) is-sitwazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni ta' skart muniċipali kinitx qed titjeb fir-reġjuni kkampjunati;
 - (b) ir-reġjuni kinux żiedu r-rata ta' ġbir separat tagħhom, kinux ikkontribwixxew għall-ilħuq tal-miri tal-UE għall-flussi speċifiċi ta' skart u kinux naqqsu d-dipendenza tagħhom fuq ir-rimi f'miżbljet;
 - (c) il-miżbljet illegali kinux inqerdu u l-iskart kienx qed jiġi ttrattat minn qabel ma jintrema fil-miżbljet.

RAPPURTAR INKONSISTENTI TA' DATA

- 37.** B'segwitu għaż-żjarat tagħha fi tmien reġjuni fl-erba' Stati Membri kkam-pujnati, il-Qorti nnutat xi inkonsistenzi fir-rigward tar-rappurtar tal-kisba tal-miri tal-UE. Id-*data* rrappurtata lill-Kummissjoni ma setgħetx dejjem tiġi rrikonċiljata maċ-ċifri disponibbli fl-Istati Membri. Inkonsistenzi bħal dawn jistgħu jagħmluha diffiċli biex il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-miri tal-UE fir-rigward tal-iskart humiex fil-fatt qegħdin jinkisbu (ara l-**Kaxxa 7**). Il-Kummissjoni tiċċekkja l-konsistenza taċ-ċifri li tirċievi, iżda ma tivvalutax l-affidabbiltà tagħhom.
- 38.** Barra minn dan, il-Kummissjoni ma tikkompilax informazzjoni dwar il-kontribut tar-reġjuni għall-kisba tal-miri tal-UE minkejja l-fatt li f'sitta mit-tmien reġjuni li saritilhom żjara, il-pjanijiet tal-immaniġġjar tal-iskart li jieħdu kont tal-miri tal-UE jitħejjew fil-livell reġjonali. Ir-rappurtar fil-livell nazzjonali jista' jaħbi disparitajiet kbar fil-prestazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart ġewwa Stat Membru, kif kien il-każ għall-Andalucía u l-Puglia meta mqabbel mas-sitwazzjoni ġenerali fi Spanja u fl-Italja rispettivamente.

KAXXA 7

EŻEMPJI TA' KAŻIJET FEJN MA KIENX POSSIBBLI LI D-DATA FL-ISTATI MEMBRI TIĠI RIKONĊILJATA MAD-DATA RRAPPURTATA LILL-KUMMISSJONI

Fi Spanja, fir-rigward tal-kisba tal-mira tad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet, il-ministeru tal-Ambjent huwa responsabbli għall-konsolidazzjoni tad-*data* mir-reġjuni u r-rappurtar lill-Kummissjoni. L-Andalucía rrappurtat li l-kwantità ta' skart bijodegradabbli li ntrema f'miżbla fl-2009 kienet 500 000 tonnollata, filwaqt li abbażi ta' *data* miksuba matul il-verifika l-Qorti stmat li l-kwantità kellha tkun madwar 1 800 000 tonnollata. B'riżultat ta' dan, fl-2009 Spanja remiet f'miżbla 58 % tal-iskart bijodegradabbli prodott fl-1995 u mhux 47 % kif ġie rrappurtat lill-Kummissjoni u naqset milli tilħaq il-mira dwar ir-Rimi f'Miżbliet għas-sena, li kienet stabbilita għal 50 %.

Fil-Portugall, fejn ma kien hemm ebda *data* disponibbli fil-livell reġjonali dwar il-kisba tal-miri stabbiliti fid-direttivi tal-UE, id-*data* rrappurtata fil-livell nazzjonali lill-Kummissjoni wriet konformità mad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet għall-2006 kif ukoll mad-Direttiva dwar l-Imballaġġ għall-2005. Madankollu, id-*data* li nkisbet matul il-verifika indikat li l-mira tad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet għall-2006 ma ntlaħqitx bi ftit ħafna u l-miri tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ għall-2005 ma ntlaħqux fir-rigward tar-riċiklaġġ ta' imballaġġ tal-plastik (b'46,95 %).

IL-PRODUZZJONI TA' SKART ŻDIEDET F'SITTA MIR-REĠJUNI KKAMPJUNATI

- 39.** Għall-kuntrarju tax-xejra osservata għall-medja tal-UE-27, li turi li minkejja tkabbir ekonomiku kontinwu sal-2008, il-ġenerazzjoni ta' skart muniċipali stabbilizzat għal madwar 520 kg/capita mis-sena 2000 sa issa, il-ġenerazzjoni ta' skart *per capita* żdiedet f'sitta mir-reġjuni kkampjunati. Fiż-żewġ reġjuni li jibqa', Sardinja u l-Katalunja, din stabbilizzat. Fl-2009, il-ġenerazzjoni ta' skart *per capita* f'nofs ir-reġjuni kkampjunati kienet ogħla mill-medja tal-UE-27 kif ukoll tal-medja tal-Istat Membru rispettiv, filwaqt li dan ma kienx il-każ fis-sena 2000 għall-ebda wieħed mir-reġjuni kkampjunati.


KWART BISS TAR-REĠJUNI KKAMPJUNATI ŻIEDU B'MOD SINIFIKANTI R-RATA TAGĦHOM TA' ĠBIR SEPARAT, NAQSU D-DIPENDENZA TAGĦHOM FUQ IR-RIMI F'MIŻBLIET U KKONTRIBWIXXEW GĦALL- ILĦUQ TAL-MIRI TAL-UE

- 40.** Tnejn biss mir-reġjuni magħżula, Sardinja u l-Katalunja, għamlu progress sinifikanti fil-ġbir separat u d-devjazzjoni mill-miżbliet. Il-Qorti nnutat żieda fir-rata ta' ġbir separat għal Sardinja minn 2 % fis-sena 2000 għal 43 % fl-2009 u għall-Katalunja minn 13 % għal 38 % matul l-istess perjodu. Irriżulta wkoll tnaqqis fir-rimi ta' skart muniċipali f'miżbla matul l-istess perjodu minn 74 % għal 23 % għal Sardinja u minn 64 % għal 39 % għall-Katalunja (ara l-**Figura 4**)¹⁵.
- 41.** F'dawn iż-żewġ reġjuni kien osservat tnaqqis fl-iskart li ntrema f'miżbla f'kilogrammi *per capita*, filwaqt li dan l-indikatur baqa' kważi stabbli jew żdied fis-sitt reġjuni l-oħra kkampjunati (ara l-**Figura 5**).

¹⁵ L-analiżi tar-riżultati miksuba mir-reġjun Sud-Vest fir-Rumanija hija influwenzata min-nuqqas ta' affidabbiltà tad-databases tal-immaniġġjar tal-iskart disponibbli fl-Istat Membru, speċjalment fir-rigward tar-rata ta' ġbir separat.

FIGURA 4

EVOLUZZJONI TA' ĠBIR SEPARAT TA' SKART MUNIĊIPALI U RATI TA' RIMI F'MIŻBLIET FIR-REĠJUNI KKAMPJUNATI BEJN L-2000 U L-2009¹




¹ Għar-reġjun Nord-Est fir-Rumanija r-rata ta' rimi f'miżbliet tkopri l-iskart miġbur għall-perjodu 2003-2009 u l-ġbir separat għall-perjodu 2004-2009; għal Andalucia r-rata ta' ġbir separat tirreferi għall-perjodu 2002-2008 u għar-reġjun Sud-Vest ir-rata ta' rimi tal-iskart miġbur f'miżbliet u r-rata ta' ġbir separat jikkorrispondu għall-perjodu 2006-2009.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' data disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni u dak tal-Istati Membri.

FIGURA 5

SKART MORMI F'MIŻBLA PER CAPITA (KG) FIS-SENA 2000 U FL-2009¹



¹ Għar-reġjun RO-Nord-Est id-data tirreferi għall-2003 u l-2009 u għal RO-Sud-Vest għall-2007 u l-2009.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' data disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni u dak tal-Istati Membri.

42. L-istess reġjuni, Sardinja u l-Katalunja, huma l-uniċi li kkontribwixxew għall-kisba tal-miri tal-UE għal tipi speċifiċi ta' skart municiċipali;

- (a) f'termini ta' devjazzjoni tal-iskart bijodegradabbli mill-miżbliet, kienu biss Sardinja u l-Katalunja li kkontribwixxew għall-ilħuq tal-miri tad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet. Iż-żewġ reġjuni l-oħra ma kkontribwixxew għall-ilħuq tal-miri tal-UE; u għal erbgħa oħra l-iskadenza għall-kisba tal-mira kienet l-2010. Fiż-żmien tal-verifika ma kienx hemm *data* disponibbli għall-2010, iżda x-xejra fis-snin ta' qabel l-2010 ma wrietx żieda fid-devjazzjoni tal-iskart bijodegradabbli¹⁶ (ara t-**Tabella 2**);
- (b) fir-rigward tal-miri tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ, is-sitwazzjoni nnutata fit-tmien reġjuni kienet tvarja b'mod sinifikanti. Il-Katalunja, Sardinja u l-Andalucía kkontribwixxew għall-kisba tal-miri tal-UE. Fil-ħames reġjuni l-oħra, ma twettaq l-ebda monitoraġġ speċifiku fil-livell reġjonali. Abbażi ta' *data* miksuba fl-Istati Membri, il-Qorti stmat li ma kienx probabbli li dawn ir-reġjuni jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri tal-UE minħabba r-rata baxxa ta' ġbir separat;
- (c) ħamsa mit-tmien reġjuni kkampjunati¹⁷ ma kkontribwixxew għall-kisba tal-mira tal-UE għall-ġbir separat ta' tagħmir elettriku u elettroniku li kellha tinkiseb fl-2006 f'konformità mad-Direttiva dwar l-iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku, anki jekk inġenerali ġiet innutata xejra pożittiva. Il-Katalunja kienet diġà kkontribwixxiet fl-2006 u Sardinja u l-Puglia fl-2009 u l-2010.

¹⁶ Għall-Portugall kienet disponibbli biss *data* fil-livell nazzjonali.

¹⁷ ES-Andalucía, RO-Nord-Est u RO-Sud-Vest. Rigward iż-żewġ reġjuni kkampjunati fil-Portugall, Lisboa e Vale do Tejo u Norte, ma kienx hemm *data* disponibbli fil-livell reġjonali. Madankollu, il-mira ma ntlaħqitx mill-Istat Membru kollu kemm hu.

TABELLA 2

XEJRA TAR-RATA TA' SKART BIJODEGRADABBLI MORMI F'MIŻBLA ABBAŻI TAL-AMMONT TOTALI TA' SKART MUNICIċIPALI BIJODEGRADABBLI LI ĠIE PRODOTT FL-1995

| Reġjuni kkampjunati | 2006 | | 2009 | |
|---------------------------|-------------------|--------|-------------------|---------------------|
| | Miksuba | Mira | Miksuba | Mira |
| ES-Katalunja | 69 % | < 75 % | 45 % | < 50 % |
| IT-Sardinja | 59 % | < 75 % | 36 % | < 50 % |
| IT-Puglia | 84 % ² | < 75 % | 85 % | < 50 % |
| ES-Andalucía | 87 % | < 75 % | 93 % | < 50 % |
| il-Portugall ¹ | 79 % | MA | 78 % | < 75 % ⁵ |
| RO-Nord-Est | 56 % ³ | MA | 69 % ³ | < 75 % ⁵ |
| RO-Sud-Vest | 75 % ⁴ | MA | 87 % | < 75 % ⁵ |

¹ Ebda ċifra disponibbli għaż-żewġ reġjuni, iżda fil-livell tal-Istat Membru biss.

² *Data* għall-2008.

³ Għandu jiġdied skart municiċipali mhux miġbur li ammonta għal 35 % u 27 % tal-ġenerazzjoni totali ta' skart municiċipali rispettivament.

⁴ *Data* għall-2007.

⁵ Mira għall-2010.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' *data* disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni u dak tal-Istat Membru.

**MIŻBLIET ILLEGALI NQERDU F'NOFS IR-REĠJUNI IŻDA ĠENERALMENT
L-ISKART NTREMA F'MIŻBLA MINGĦAJR EBDA TRATTAMENT
PREĊEDENTI**

- 43.** Skont id-*data* pprovduta mir-reġjuni vverifikati, matul il-perjodu 2000-2009, il-miżbliet illegali kienu nqerdu jew in-numru tagħhom kien tnaqqas b'mod sinifikanti:
- (a) f'erba' reġjuni, skont id-*data* pprovduta mill-awtoritajiet rilevanti, l-ebda miżbla illegali ma kienet operazzjonali fiż-żmien tal-verifika;
 - (b) fl-erba' reġjuni l-oħra, il-miżbliet illegali kienu għadhom qed jintużaw, speċjalment fiż-żewġ reġjuni magħżula fir-Rumanija fejn fl-2009, il-ġbir ta' skart muniċipali kopra biss 54 % u 33 % tal-popolazzjoni. In-nuqqas ta' ġbir ta' skart muniċipali f'dawn iż-żewġ reġjuni kien evidenti l-aktar f'żoni rurali.
- 44.** Fir-reġjuni vverifikati l-iskart muniċipali kien ġeneralment mormi f'miżbla mingħajr trattament xieraq, minkejja d-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet li jistipula li l-iskart iddepożitat fil-miżbliet għandu jiġi ttrattat biex titnaqqas il-kwantità ta' skart jew perikli għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. Il-Qorti nnutat dan li ġej:
- (a) l-iskart muniċipali kien ġeneralment mormi f'miżbla mingħajr kwalunkwe trattament f'erbgħa mir-reġjuni kkampjunati¹⁸. Barra minn hekk, f'dawn ir-reġjuni l-ġbir separat tal-iskart bijodegradabbli nstab biss f'numru limitat ħafna ta' muniċipalitajiet bir-riżultat li kien hemm livelli għoljin ta' materja bijodegradabbli fl-iskart li ntrema f'miżbla;
 - (b) f'reġjun wieħed, it-trattament qabel ir-rimi kien ikopri skart iġġenerat minn madwar 40 % biss tal-popolazzjoni totali tar-reġjun. Madankollu, dan in-nuqqas ta' trattament kien parzjalment immitigat bil-fatt li l-ġbir separat tal-iskart bijodegradabbli twettaq fil-parti l-kbira tar-reġjun;

¹⁸ Għandu jiġi nnutat li r-Rumanija ngħatat skadenza addizzjonali, sal-2017, biex tiżgura li l-miżbliet eżistenti kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet.

- (c) fit-tliet reġjuni li kien baqa', kien hemm aktar impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku li wettqu t-trattament qabel ir-rimi iżda iġġenerali dawn ma kisbux il-prestazzjoni mistennija (ara l-**Kaxxa 8**).

ĠEW STABILITI MIŻURI BIEX TIĠI MASSIMIZZATA L-EFFETTIVITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UE?

- 45.** Sabiex tiġi massimizzata l-effettività tal-infrastrutturi kofinanzjati, miżuri ta' informazzjoni, amministrattivi u ekonomiċi li huma ta' appoġġ, bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, standards tal-kwalità u ġbir separat jew skemi ta' "ħallas biex tarmi" u taxxi fuq ir-rimi f'miżbliet (ara l-paragrafu 9), għandhom jiġu stabbiliti sabiex jiġu mħeġġa l-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart f'konformità mal-ġerarkija tal-UE dwar l-iskart (ara l-**Figura 3**). L-appoġġ finanzjarju tal-UE għandu jħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ bħal dawn. Għandhom jiġu implimentati qafas regolatorju u linji gwida xierqa.

KAXXA 8

EŻEMPJU TA' REĠJUN FEJN IL-FAĊILITAJIET TA' TRATTAMENT KIENU STABILITI, IŻDA FEJN IL-PRESTAZZJONI TAGĦHOM MA KINITX SODISFAĊENTI

F'wieħed mir-reġjuni kkampjunati 22 mit-28 miżbla li kienu qed joperaw fiż-żmien tal-verifika rċevew skart ittrat minn qabel minn impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku. Madankollu, dawn l-impjanti ma laħqux il-miri tal-prestazzjoni tagħhom. Bħala medja 76 % tal-iskart li dieħel fit-23 faċilità ta' trattament disponibbli fir-reġjun intrema f'miżbla fl-2008 b'kontenut għoli ta' materjal bijodegradabbli minkejja l-proċess ta' trattament; fil-każ tal-impjant ivverifikat (Linares, Spanja) l-irkupru tal-iskart bijodegradabbli ammonta biss għal bejn 6 % u 9 % pjuttost milli l-mira ppjanata ta' 25 % sa 28 %.

46. Il-Qorti eżaminat jekk:

- (a) ġewx stabbiliti strumenti informattivi, amministrattivi u ekonomiċi fil-livell tal-Istati Membri u/jew dak reġjonali għall-appoġġ tal-infrastrutturi kofinanzjati għall-immaniġġjar tal-iskart u jekk il-Kummissjoni ħeġġitx l-implimentazzjoni tagħhom waqt l-approvazzjoni ta' proġetti jew programmi operazzjonali;
- (b) kienx probabbli li l-qafas regolatorju u l-linji gwida tal-UE jimmas-simizzaw l-effettività tal-finanzjament mill-UE.

IL-LIVELL TA' IMPLIMENTAZZJONI TA' MIŻURI TA' INFORMAZZJONI, AMMINISTRATTIVI U EKONOMIĊI LI HUMA TA' APPOĠĠ VARJA B'MOD SINIFIKANTI FOST IR-REĠJUNI KKAMPJUNATI

MIŻURI INFORMATTIVI

47. Inġenerali fir-reġjuni fejn kienu jinsabu l-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart ikkampjunati, kien hemm evidenza ta' attivitajiet ta' informazzjoni komplementari bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku jew il-pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Il-**Kaxxa 9** tiddekrivi każ wieħed ta' dan it-tip.

KAXXA 9

EŻEMPJU TAJJEB TA' KIF L-IŻVILUPP TAS-SENSIBILIZZAZZJONI TAL-PUBBLIKU TISTA' TIRRIŻULTA FI KWALITÀ TA' PRESTAZZJONI AĦJAR MILL-INFRASTRUTTURI

Wieħed mill-impjanti tal-ikkompostjar fil-Portugall (Lipor) kien operat minn kumpanija li tipprovdni servizzi ta' ġestjoni tal-iskart (ġbir separat u trattament) lil tmien muniċipalitajiet li jirrappreżentaw madwar miljun abitant. Peress li l-kumpanija qieset li l-komunikazzjoni u l-livelli għoljin ta' parteċipazzjoni huma fatturi ewlenin għas-suċċess tal-immaniġġjar tal-iskart, l-attivitajiet kollha tagħha kienu assoċjati ma' sforzi għall-forniment ta' informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni tal-pubbliku. B'mod partikolari, il-kostruzzjoni tal-impjant għall-ikkompostjar kienet akkumpanjata minn kampanji ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni kif ukoll minn strateġija speċifika ta' kummerċjalizzazzjoni għall-kompost. Perjodikament twestqu sħarriġiet dwar is-Sodisfazzjon tal-Pubbliku, twaqqfet linja tat-telefon bla ħlas għall-forniment ta' informazzjoni u ġew ppubblikati u distribwiti linji gwida dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Dawn l-isforzi kollha rriżultaw f'segregazzjoni sodisfaċenti f'ras il-għajn tal-iskart bijodegradabbli minn unitajiet domestiċi u negozji li ppermettiet il-produzzjoni u l-bejgħ ta' kompost ta' kwalità għolja (ara l-**Kaxxa 2**).

48. Madankollu, il-Qorti nnutat dan li ġej:

- (a) fl-ebda wiħed mir-reġjuni kkampjunati ma sar kejl tas-suċċess tal-kampanji ta' informazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet responsabbli u ma kinux ġew definiti miri li setgħu jitkejlu mill-bidu nett;
- (b) fiż-żewġ reġjuni magħżula fir-Rumanija, minkejja xi kampanji ta' sensibilizzazzjoni, kważi l-iskart bijodegradabbli kollu miġbur separatament instab li kien ikkontaminat u kellu jintrema direttament f'miżbla minflok jiġi ttrattat fl-impjant għall-ikkompostjar.

MIŻURI AMMINISTRATTIVI


49. Kif mitlub mid-Direttiva dwar l-Iskart, it-tmien reġjuni implimentaw sistema ta' ħruġ ta' permessi għall-istabbilimenti li jwettqu trattament tal-iskart. Fiż-żmien tal-verifika, l-infrastrutturi kollha kienu soġġetti għal spezzjonijiet mill-awtoritajiet responsabbli. Madankollu, tali spezzjonijiet kienu limitati għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali potenzjali u ma koprewx l-aspett ta' prestazzjoni tal-faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart (ara l-**Kaxxa 6**).

50. Rigward il-ġbir separat, il-Qorti nnutat diskrepanzi sinifikanti fl-implimentazzjoni tiegħu fir-reġjuni u l-muniċipalitajiet moqdiya mill-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart ivverifikati. Filwaqt li l-ġbir segregat ta' skart mill-imballaġġ, karti u kartonċin u ħġieġ kien implimentat b'mod wiesa', u kkontribwixxa għall-prestazzjoni tajba osservata fl-impjanti tas-separazzjoni vverifikati, il-ġbir separat tal-iskart bijodegradabbli kien sodisfaċenti f'żewġ reġjuni biss. Dawn ir-reġjuni kkontribwixxew għall-ilħuq tal-miri ta' devjazzjoni tal-UE għall-iskart bijodegradabbli u rnexxielhom inaqqsu l-kilogrammi *per capita* li jintremew f'miżbla (ara l-paragrafi 41 sa 42). Għas-sitt reġjuni l-oħra l-ġbir separat tal-iskart bijodegradabbli kien ġeneralment jew mhux stabbilit jew ineffettiv. B'riżultat ta' dan, l-impjanti tal-ikkompostjar li jittrattaw skart imħallat jew skart bijodegradabbli li ma kienx issegregat tajjeb f'ras il-għajn, kellhom prestazzjoni fqira.

51. Iċ-ċifri juru relazzjoni inversa bejn l-implimentazzjoni ta' ġbir separat u l-perċentwal ta' skart li jintrema f'miżbla (ara l-**Figura 6**).
52. Fir-rigward ta' standards tal-kwalità għall-kompost, il-Qorti nnutat li, fiż-żmien tal-verifika, erba' reġjuni ma kellhom ebda standard ta' dan it-tip u għall-erba' reġjuni l-oħra li fadal il-limiti ammissibbli tal-konċentrazzjoni ta' metalli tqal fil-kompost kienu jvarjaw b'mod sinifikanti u kienu inqas stretti minn dawk li jinsabu fl-abbozz tal-linji gwida tal-UE. In-nuqqas ta' standards tal-kwalità kkontribwixxa għad-difikultajiet li l-impjanti tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika ltaqgħu magħhom fil-bejgħ tal-kompost tagħhom.

FIGURA 6

RELAZZJONI INVERSA BEJN IL-ĠBIR SEPARAT U L-PERĊENTWAL TA' SKART MORMI F'MIŻBLA¹



¹ Għal RO-Nord-Est u RO-Sud-Vest, ir-rata ta' rimi f'miżblat kienet ikkalkulata abbażi tal-iskart miġbur biss.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' data disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni u dak tal-Istati Membri.

MIŻURI EKONOMIĊI

53. Abbażi tal-analiżi tat-tariffi għall-immaniġġjar tal-iskart li jimponu l-muniċipalitajiet fuq l-unitajiet domestiċi f'mill-inqas tliet muniċipalitajiet prinċipali moqdiya minn kull infrastruttura fil-kampjun, il-Qorti nnutat dan li ġej:

- (a) fil-każijiet kollha, it-tariffi kienu fissi¹⁹ u mhux ibbażati fuq l-iskemi ta' "ħallas biex tarmi" intenzjonati biex jitqies il-"prinċipju li min iniġġes iħallas" u għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart;
- (b) xi muniċipalitajiet, minkejja li ma kellhomx skema ta' "ħallas biex tarmi", introduċew elementi fit-tariffa biex iħeġġu r-riċiklaġġ (ara l-**Kaxxa 10**).

54. Taxxa fuq ir-rimi tal-iskart imposta fuq il-muniċipalitajiet²⁰ għal kull tunnellata ta' skart li jintrema f'miżbla u/jew jiġi inċinerat b'żieda mat-tariffi normali għar-rimi f'miżbljet u/jew l-inċinerazzjoni hija inċentiv ekonomiku ieħor biex tipprova tinbidel l-imġiba. Ħamsa mit-tmien reġjuni kkampjunati introduċew taxxa ta' dan it-tip fuq ir-rimi tal-iskart biex jippromwovu għażliet għall-immaniġġjar tal-iskart li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent. Iż-żewġ reġjuni bl-ogħla livell ta' taxxa fuq ir-rimi f'miżbljet ippreżentaw l-aktar perċentwal baxx ta' skart li kien qed jintrema fil-miżbljet fl-2009 (ara l-**Figura 7**) u l-aktar titjib sinifikanti matul il-perjodu 2000-2009. Sabiex jitħeġġeġ il-ġbir separat, żewġ reġjuni rabtu l-ammont tat-taxxa fuq ir-rimi tal-iskart mar-rata ta' ġbir separat miksuba minn kull muniċipalità (ara l-**Kaxxa 11**).

¹⁹ It-tariffi ġew ikkalkulati abbażi tal-metri kwadri ta' appartamenti jew djar, tal-għadd ta' persuni f'kull unità domestika, tal-konsum tal-ilma tax-xorb jew ta' taħlita ta' dawn l-elementi, mingħajr ma ttehed kont tal-kwantità ta' skart iġġenerat minn kull unità domestika.


²⁰ Kif ukoll lil ċittadini privati fil-każ ta' rimi f'miżbljet.

KAXXA 10**EŻEMPJI TA' TARIFFI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART B'ELEMENTI BIEX IĦEĠĠU R-RIĊIKLAĠĠ**

Sabiex jitħeġġeġ ir-riċiklaġġ, xi muniċipalitajiet fil-Katalunja applikaw skontijiet għat-tariffa għall-immaniġġjar tal-iskart imħallsa minn unitajiet domestiċi bbażati fuq l-ikkompostjar li jsir id-dar, l-użu ta' ċentri tal-ġbir jew il-parteciżazzjoni f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Ir-rata ta' ġbir separat miksuba minn dawn il-muniċipalitajiet (39 %) kienet ogħla minn dik osservata fil-muniċipalitajiet li ma kinux qed japplikaw inċentivi ekonomiċi (29 %). Muniċipalitajiet oħra fil-Katalunja ħadu kont tal-proporzjoni ta' skart mormi f'miżbla meta kienu qed jistabbilixxu t-tariffa li tibbenefika l-unitajiet domestiċi ta' dawk il-muniċipalitajiet b'rati aktar baxxi ta' rimi f'miżbljet.

FIGURA 7

TAXXA FUQ IR-RIMI TAL-ISKART U PERĊENTWAL TA' SKART MUNIĊIPALI MORMI F'MIŻBLA FL-2009¹



¹ Għal ES-Andalucía u IT-Puglia id-*data* tirreferi għall-2008. Għal RO-Nord-Est u RO-Sud-Vest proporzjon tal-iskart mormi f'miżbla ma jiħux kont ta' skart mhux miġbur.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' *data* disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni u dak tal-Istati Membri.

KAXXA 11

EŻEMPJU TAT-TAXXA FUQ IR-RIMI TAL-ISKART STABBILITÀ GĦALL-ISKART MORMI F'MIŻBLA JEW INĊINERAT ABBAŻI TAL-PERĊENTWAL TA' ĠBIR SEPARAT MIKSUB MINN KULL MUNIĊIPALITÀ

Mill-2005 'l hawn, sabiex tippromwovi l-ġbir separat ta' skart f'ras il-għajn, Sardinja adattat it-tariffa imposta għal skart mormi f'miżbla jew inċinerat, abbażi tar-rata ta' ġbir separat miksuba minn kull muniċipalitè. Pereżempju, fl-2010, jekk ir-rata ta' ġbir separat laħqet livell ta' bejn 50 u 60 % ġie applikat tnaqqis ta' 20 % fit-taxxa. Jekk il-ġbir separat kien oġġla minn 60 % l-muniċipalitajiet ibbenefikaw minn tnaqqis ta' 40 % fit-taxxa. Madankollu, jekk il-ġbir separat kien taħt il-50 % (jew 40 % skont in-numru ta' abitanti tal-muniċipalitè) ġiet imposta penali ta' EUR 5,16 addizzjonali għal kull tunnellata.

WAQT L-APPROVAZZJONI TA' PROĠETTI JEW PROGRAMMI OPERAZZJONALI, IL-KUMMISSJONI MA ĦEĠĠITX L-IMPLIMENTAZZJONI TA' MIŻURI TA' APPOĠĠ

- 55.** Il-finanzjament minn miżuri strutturali ma influwezax l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' infomazzjoni, amministrattivi u ekonomiċi li huma ta' appoġġ. Il-Kummissjoni kienet teħtieġ informazzjoni limitata dwar tali strumenti meta kienet qed tiddeċiedi dwar il-kofinanzjament tal-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart:
- (a) għall-finanzjament mill-FEŻR, il-Qorti nnutat li 9 mill-10 programmi operazzjonali magħżula ma kienx fihom informazzjoni rigward miżuri amministrattivi speċifiċi u lanqas ma kien hemm ebda referenza għal taxxi fuq ir-rimi tal-iskart jew tipi ta' tariffi għall-immaniġġjar tal-iskart imħallsa minn unitajiet domestiċi (rata fissa jew ibbażata fuq skemi ta' "ħallas biex tarmi");
- (b) anki jekk kull proġett tal-Fond ta' Koeżjoni ġie vvalutat individwalment u approvat mill-Kummissjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, il-Qorti nnutat li l-livell ta' dettall dwar il-miżuri ta' appoġġ mitluba mill-Kummissjoni mingħand l-Istati Membri, iġġenerali ma żgurax l-eżistenza ta' tagħhom qabel l-għoti ta' finanzjament mill-UE.
- 56.** Ir-rapporti ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Istati Membri kkampjunati biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-direttivi tal-UE dwar l-iskart fihom xi informazzjoni dwar miżuri ta' appoġġ ta' dan it-tip (eż. informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tat-taxxa fuq ir-rimi f' miżbljet, spezzjonijiet, informazzjoni pubblika, eċċ.). Madankollu, il-Qorti ma nnutat ebda rabta bejn il-valutazzjoni tar-rapporti ta' implimentazzjoni mid-DĠ Ambjent u l-finanzjament mill-UE tal-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart li huwa r-responsabbiltà tad-DĠ għall-Politika Reġjonali u Urbana: l-Istati Membri li ma jirrapportawx lill-Kummissjoni jew li jipprovdu rapporti mhux kompleti jibbenefikaw bl-istess mod mill-finanzjament minn miżuri strutturali għal infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart.
- 57.** In-nuqqas ta' rabta bejn il-finanzjament mill-UE u l-eżistenza ta' strumenti ta' appoġġ kien speċjalment sinifikanti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-"prinċipju li min iniġġes iħallas", li huwa wieħed mill-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-politika tal-UE dwar l-ambjent²¹. Id-Direttiva dwar l-iskart tal-1975 stabbilixxiet dan il-prinċipju²² li mbagħad ġie inkluż f'direttivi speċifiċi oħra dwar l-immaniġġjar tal-iskart, bħad-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f' Miżbljet²³. Skont ir-regolamenti tal-Politika ta' Koeżjoni u l-linji gwida interni tal-Kummissjoni, l-appoġġ finanzjarju mill-UE għandu jkollu l-implimentazzjoni tal-prinċipju permezz ta' rati ta' assistenza differenzjati²⁴.

²¹ L-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (verżjoni konsolidata).

²² L-Artikolu 15 tad-Direttiva 75/442/KEE, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 91/156/KEE, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/12/KE u l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2008/98/KE.

²³ L-Artikolu 10 tad-Direttiva 1999/31/KE.

²⁴ L-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali: "Il-kontribuzzjoni tal-Fondi għandha tiġi differenzjata permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas". L-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999: "Il-kontribuzzjoni mill-Fondi tista' tiġi modulata bl-applikazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas". L-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006: "Fil-kalkolu tan-nefqa eliġibbli fuq proġetti li jiġġeneraw dħul, l-awtorità ta' ġestjoni għandha tiegħu kont tal-applikazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas".

58. Dan il-prinċipju ta' rati ta' assistenza differenzjati għe żviluppat aktar mill-Kummissjoni matul il-perjodu 2000-2006 f'dokument Tekniku²⁵ li stabbilixxa li fejn il-finanzjament ta' proġett jinkludi sistema ta' imposti (bħal imposti b'rata fissa baxxa), li ma tkunx ibbażata fuq il-konsum reali ta' riżorsi u ma tippovdix il-mezzi finanzjarji meħtieġa għal manutenzjoni xierqa tal-infrastruttura u lanqas ma tkopri l-ispejjeż operazzjonali u parti kbira mill-ispejjeż ta' deprezzament, ir-rata ta' assistenza għandha għaldaqstant titnaqqas. F'dawn il-każijiet, ir-rata ta' assistenza proposta għandha normalment tkun kif imniżżla fil-kolonna 5 tal-**Annex IV**.
59. Il-Qorti nnutat li għalkemm għall-infrastrutturi magħżula, l-ispejjeż tal-operat u d-deprezzament ma kinux koperti mit-tariffa għall-immaniġġjar tal-iskart imposta fuq l-unitajiet domestiċi, il-Kummissjoni ma applikatx il-prinċipju ta' rata ta' assistenza differenzjata bit-tnaqqis tar-rata ta' kofinanzjament. B'riżultat ta' dan, fi kważi l-każijiet kollha r-rata ta' kofinanzjament mogħtija kienet oġġha minn dik li kellha tapplika f'konformità mal-prinċipju ta' rati ta' assistenza differenzjati (ara l-**Annex IV**). Xi municiċipalitajiet ma imponew ebda tariffa għall-immaniġġjar tal-iskart fuq l-unitajiet domestiċi.
60. It-tariffi imposti mill-municiċipalitajiet fuq l-unitajiet domestiċi għall-immaniġġjar tal-iskart varjaw b'mod sinifikanti, ukoll ġewwa kull reġjun (ara t-**Tabella 3**). Id-differenzi, li f'xi każijiet laħqu sa 300 % ġewwa l-istess reġjun, ma setgħux jiġu spjegati biss bid-differenzi fil-medja tal-introjt tal-unitajiet domestiċi u l-livell tal-mezzi tagħhom jew fl-ispiża tal-immaniġġjar tal-iskart fost il-municiċipalitajiet ikkampjunati.

²⁵ Il-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2000-2006: Dokument tekniku 1 - *Application of the polluter pays principle - Differentiating the rates of Community assistance for Structural Funds, Cohesion Fund and ISPA infrastructure operations* (Applikazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas - Differenzjar tar-rati ta' assistenza Komunitarja għal operazzjonijiet relatati mal-infrastrutturi tal-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-ISPA) (6.12.1999).

TABELLA 3

TARIFFI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART IMĦALLSA MINN UNITAJIET DOMESTIĊI FIL-MUNICIĊIPALITAJIET IKKAMPJUNATI FL-2009 JEW L-2010

| Reġjun | L-inqas tariffa nnutata | L-oġġha tariffa nnutata | Differenza f% |
|------------------------|--|--|---------------|
| ES-Katalunja | EUR 40,25 għal kull unità domestika | EUR 166,50 għal kull unità domestika | 314 % |
| IT-Sardinja | EUR 1,02 għal kull m ² ta' superfiċje | EUR 3,3 għal kull m ² ta' superfiċje | 224 % |
| IT-Puglia | EUR 1,57 għal kull m ² ta' superfiċje | EUR 2,62 għal kull m ² ta' superfiċje | 67 % |
| ES - Andalucía | EUR 69,60 għal kull unità domestika | EUR 94,36 għal kull unità domestika | 36 % |
| PT-Norte | EUR 0 | EUR 76,20 għal kull unità domestika | - |
| PT-Lisboa Vale do Tejo | EUR 0 | EUR 70,38 għal kull unità domestika | - |
| RO-Nord-Est | EUR 8,69 għal kull persuna (l-infrastrutturi ikkampjunati kienu jaqdu municiċipalità waħda biss) | | MA |
| RO-Sud-Vest | EUR 16,2 għal kull persuna (l-infrastrutturi ikkampjunati kienu jaqdu municiċipalità waħda biss) | | MA |

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' evidenza tal-verifika miksuba matul il-verifika.

KIENU NNUTATI DGĦJUFIJET FIL-QAFAS REGOLATORJU TAL-UE DWAR L-ISKART U L-LINJI GWIDA TAL-UE

- 61.** Il-qafas regolatorju tal-UE dwar l-iskart u l-linji gwida tal-UE jistgħu jikkontribwixxu biex tiġi massimizzata l-effettività tal-finanzjament mill-UE. Il-Qorti nnutat dgħjufijiet f'dan il-qasam.

NUQQAS TA' FFUKAR TAL-MIRI TAD-DIRETTIVI TAL-UE FUQ IL-PREVENZJONI TAL-ISKART

- 62.** Il-ġerarkija tal-UE dwar l-iskart li tinsab fid-Direttiva dwar l-iskart tindika l-prevenzjoni bħala l-ewwel għażla għall-immaniġġjar tal-iskart. Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali²⁶ inkluda l-oġġettiv ġenerali li jitnaqqsu b'mod sostanzjali l-ġenerazzjoni u r-rimi tal-iskart.
- 63.** Madankollu, il-miri stabbiliti fid-direttivi tal-UE fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart huma relatati biss mar-riċiklaġġ, l-irkupru u d-devjazzjoni ta' skart bijodegradabbli mill-miżbljet u ma jindirizzawx il-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-iskart (ara l-paragrafu 39).

NUQQAS TA' ĊAREZZA TAL-KUNĊETT TA' TRATTAMENT QABEL IR-RIMI

- 64.** Skont id-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbljet huwa biss skart li jkun ġie ttrattat li għandu jintrema f'miżbla. Madankollu, id-direttiva mhix ċara biżżejjed dwar fiex għandu jikkonsisti dan it-trattament u jekk it-trattament jeħtieġx tnaqqis fil-kwantità ta' skart li jintrema f'miżbla jew tnaqqis fil-volum tiegħu biss²⁷.
- 65.** Dan in-nuqqas ta' ċarezza rigward il-kunċett ta' trattament qabel ir-rimi f'miżbla rriżulta fi strateġiji differenti fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali. Wieħed mir-reġjuni kkampjunati ffoka, pereżempju, fuq impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku, li ma kellhomx prestazzjoni sodisfaċenti fil-kisba ta' tnaqqis ta' skart mormi f'miżbla. F'żewġ reġjuni oħra, meta nkisbu livelli għoljin ta' ġbir separat, l-iskart kien ikkunsidrat bħala ttrattat u seta' jittieħed direttament fil-miżbla (ara l-paragrafi 28 u 44).

²⁸ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar is-sitt programm ta' azzjoni ambjentali tal-Komunità Ewropea (COM/2001/0031 final).

²⁹ L-Artikolu 6(a) tad-Direttiva 1999/31/KE jistipula li "bir-riduzzjoni tal-kwantità tal-iskart jew il-perikli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent", filwaqt li l-Artikolu 2(h) jistipula li "sabiex jitnaqqas il-volum" jew in-"natura perikoluża, jitħaffef il-manijġjar tiegħu jew jitkabbar l-irkuprar".

NUQQAS TA' STANDARDS TAL-KWALITÀ TAL-UE GĦALL-KOMPOST

- 66.** L-UE kkofinanzjat impjanti tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika fit-tmien reġjuni kkampunjati kollha. Madankollu, fiż-żmien tal-verifika erbgħa mir-reġjuni eżaminati ma kellhom ebda standards tal-kwalità għall-kompost. Fl-erba' reġjuni l-oħra, il-livelli ammissibbli tal-konċentrazzjoni ta' metalli tqal kienu jvarjaw b'mod sinifikanti (ara l-paragrafu 52).
- 67.** Il-fatt li standards tal-kwalità għall-kompost fil-livell nazzjonali/reġjonali jew ma kinux jeżistu jew jekk kienu jeżistu, kienu jvarjaw b'mod sinifikanti, xekkel l-iżvilupp ta' suq tal-kompost, li għamilha diffiċli biex l-operaturi tal-impjanti jbigħu l-kompost li ġie prodott. Ma hemm ebda standards tal-kwalità tal-UE għall-kompost.

EBDA LINJA GWIDA TAL-UE GĦAS-SIGURTÀ FINANZJARJA GĦALL-ISPEJJEŻ TAL-GĦELUQ TAL-MIŻBLIET

- 68.** Fir-rigward tas-sigurtà finanzjarja biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara, il-Qorti nnutat li kienu jeżistu differenzi sinifikanti fil-metodoloġiji applikati fil-kalkolu tagħha fis-sitt reġjuni fejn ġew ikkampjunati l-miżbliet, bir-riżultat li kien hemm ammonti li varjaw b'mod sinifikanti għal miżbla tal-istess kapaċità, li jindika li huwa possibbli li dawn ma jkunux dejjem suffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż kollha għal perjodu ta' 30 sena kif mitlub mid-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbliet. L-UE ma pprovdiet l-ebda linja gwida lill-Istati Membri dwar kif għandha ssir stima tal-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara u lanqas ma ppromwoviet kwalunkwe skambju ta' esperjenzi fost l-Istati Membri f'dan il-qasam (ara l-paragrafi 33 u 34).

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

- 69.** Fi kważi r-reġjuni kollha magħżula kien osservat xi titjib fl-immaniġġjar tal-iskart, madankollu l-effettività tal-finanzjament minn miżuri strutturali għall-infrastrutturi għall-immaniġġjar ta' skart municijali f'li jgħin lill-Istati Membri biex jiksbu l-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart kienet imxekkla mill-implimentazzjoni fqira tal-miżuri ta' appoġġ u minn dgħjufijiet fir-regoli u l-linji gwida tal-UE. Fil-valutazzjoni ta' programmi operazzjonali jew proġetti li għalihom hi kienet responsabbli, il-Kummissjoni ma heġġgittx l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ. Is-suċċess tal-infrastrutturi kofinanzjati jiddependi fuq l-eżistenza ta' għbir separat effettiv f'ras il-għajn, li spiss ma kienx il-każ. Għalkemm ir-reġjuni kollha kkampjunati wrew xi titjib fl-immaniġġjar tal-iskart, 25 % biss kisbu l-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart, prinċipalment dawk li stabilixxew miżuri ta' appoġġ.

PRESTAZZJONI TAL-INFRASTRUTTURI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TA' SKART MUNICIJALI

- 70.** Il-prestazzjoni tal-infrastrutturi kofinanzjati kienet dipendenti ħafna fuq l-istrateġiji tal-għbir tal-iskart:
- (a) l-impjanti tas-separazzjoni, intenzjonati biex jirkupraw skart mill-imbagg issegregat f'ras il-għajn minn unitajiet domestiċi, kellhom prestazzjoni sodisfaċenti (ara l-paragrafi 23 sa 24);
 - (b) iġenerali, l-impjanti tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika li kienu jittrattaw skart bijodegradabbli miġbur separatament (meta dan ma kienx ikkontaminat), kellhom prestazzjoni aħjar mill-impjanti li kienu jittrattaw skart li ma kienx isseparat fejn il-prestazzjoni ma kinitx sodisfaċenti (ara l-paragrafu 25);
 - (c) iġenerali, l-impjanti tat-treatment mekkaniku u bijoloġiku li kienu jirċievu skart mhux isseparat f'ras il-għajn ma rnexxilhomx jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart peress li l-parti l-kbira tal-iskart li kien dieħel f'dawn l-impjanti ntrema f'miżbla (ara l-paragrafi 26 u 27).
- 71.** L-iskart ġie ddepożitat wara treatment inadegwat jew mingħajr ebda treatment ta' kwalunkwe tip fil-miżbliet kollha kkampjunati, bir-riżultat li kontenut għoli ta' materjal bijodegradabbli ntrema f'miżbla (ara li paragrafu 28).

- 72.** Kważi l-infrastrutturi kollha vverifikati ssodisfaw ir-rekwiżiti ambjentali. Madankollu, ħamsa mis-seba' miżbliet magħżula ma stabbilixxewx sigurtà finanzjarja suffiċjenti biex tkopri l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara. Ġew osservati differenzi sinifikanti fil-metodoloġija użata biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' sigurtà finanzjarja meħtieġ. Fil-parti l-kbira tal-każijiet l-ammonti stabbiliti jkunu insuffiċjenti biex ikopru l-ispejjeż assoċjati kollha (ara l-paragrafi 29 sa 34).

RAKKOMANDEZZJONI 1

- (a) **L-Istati Membri** għandhom:
- (i) jiffukaw fuq l-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart li jittrattaw l-iskart li jkun ġie ssegreat qabel f'ras il-għajjn (inkluż skart bijodegradabbli meta dan ikun kosteffettiv);
 - (ii) jiżguraw li l-iskart muniċipali ddepożitat fil-miżbliet ikun ġie ttrattat qabel ma jintrema;
 - (iii) jaċċertaw li l-miżbliet ikollhom sigurtà finanzjarja suffiċjenti biex l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara jkunu koperti għal perjodu ta' mill-inqas 30 sena, u l-kalkolu tagħhom għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija xierqa.
- (b) **Il-Kummissjoni** għandha tagħmel il-kontribuzzjoni tal-UE soġġetta għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri.

L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UE DWAR L-ISKART FIL-LIVELL REĠJONALI

- 73.** Il-Qorti nnutat dgħjufijiet sinifikanti fir-rigward tar-rappurtar mill-Istati Membri dwar il-kisba tal-miri tal-UE, bir-riżultat li l-Kummissjoni ma setgħetx tevalwa fil-każijiet kollha jekk il-prestazzjoni li kienet qed tinkiseb mill-Istati Membri kinitx konformi mal-miri tal-UE fir-rigward tal-iskart. Il-Kummissjoni tiċċekkja l-konsistenza taċ-ċifri li tirċievi, iżda ma tivvalutax l-affidabbiltà tagħhom u ma tikkompilax informazzjoni dwar il-kisba tal-miri tal-UE fil-livell reġjonali (ara l-paragrafi 37 sa 38).
- 74.** Għalkemm kważi fir-reġjuni kollha magħżula ġie osservat xi titjib fl-immaniġġjar tal-iskart:
- (a) il-ġenerazzjoni ta' skart *per capita* żdiedet f'sitta mit-tmien reġjuni kkampjunati minkejja li l-prevenzjoni hija fundamentali fil-ġerarkija ta' azzjonijiet tal-UE għall-immaniġġjar tal-iskart (ara l-paragrafu 39);
 - (b) kwart biss tar-reġjuni kkampjunati żiedu b'mod sinifikanti r-rata tagħhom ta' ġbir separat li rriżultat fi tnaqqis tad-dipendenza fuq ir-rimi f'miżbliet u kkontribwixxew għall-kisba tal-miri tal-UE (ara l-paragrafi 40 sa 42);
 - (c) l-iskart ġeneralment intrema f'miżbla mingħajr ma kien ġie ttrattat b'mod adegwat jew mingħajr ebda trattament (ara l-paragrafu 44).

RAKKOMANDEZZJONI 2

- (a) **L-Istati Membri** għandhom jistabbilixxu *databases* affidabbli dwar l-immaniġġjar tal-iskart, kemm biex jissorveljaw il-progress tagħhom lejn il-kisba tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart kif ukoll biex isaħħu r-rappurtar tagħhom lill-Kummissjoni.
- (b) **Il-Kummissjoni** għandha tivvaluta d-*data* li tirċievi mill-Istati Membri għall-affidabbiltà.
- (c) **Il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill** għandhom jikkunsidraw li jorbtu l-appoġġ finanzjarju mill-UE mal-kisba tal-objettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart.

MIŻURI STABILITI BIEX TIĠI MASSIMIZZATA L-EFFETTIVITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UE

- 75.** L-effettività tal-finanzjament mill-UE ma ġietx massimizzata minħabba fl-implimentazzjoni dgħajfa tal-miżuri ta' appoġġ.
- 76.** L-iżvilupp ta' miżuri ta' informazzjoni, amministrattivi u ekonomiċi li huma ta' appoġġ varja b'mod sinifikanti fost ir-reġjuni kkampjunati:
- (a) Livell għoli ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u r-rieda li jkun hemm parteċipazzjoni fl-iskemi tal-immaniġġjar tal-iskart dehru li kienu fatturi ewlenin għas-suċċess tal-infrastrutturi għall-immaniġġjar tal-iskart, speċjalment fir-rigward tas-segregazzjoni tal-iskart f'ras il-għajn mill-unitajiet domestiċi. Fl-ebda wieħed mir-reġjuni kkampjunati ma tkejlu, mill-awtoritajiet responsabbli, ir-riżultati tal-miżuri ta' informazzjoni li huma kienu stabbilixxew (ara l-paragrafi 47 sa 48).
 - (b) Kienu biss ir-reġjuni li kienu implimentaw ġbir separat f'ras il-għajn ta' skart bijodegradabbli li kkontribwixxew għall-ilħuq tal-miri tal-UE fir-rigward ta' devjazzjoni (ara l-paragrafi 50 sa 51).
 - (c) Erbgħa mit-tmien reġjuni kkampjunati ma kellhom ebda standard tal-kwalità għall-kompost u fl-erba' reġjuni l-oħra l-limitu aċċettabbli tal-konċentrazzjoni għal metalli tqal kien iwarja b'mod sinifikanti, u dan ikkontribwixxa għall-iżvilupp fqir ta' suq għall-kompost prodott mill-impjanti tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika fil-kampjun (ara l-paragrafu 52).
 - (d) L-implimentazzjoni ta' strumenti ekonomiċi permezz ta' tariffi jew permezz ta' taxxi fuq ir-rimi tal-iskart, uriet li għandha impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni tal-proġetti u r-reġjuni fl-immaniġġjar tal-iskart (ara l-paragrafi 53 sa 54).
 - (e) Il-Kummissjoni ma ħeġġitx l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ, speċjalment tal-"prinċipju li min iniġġes iħallas" peress li nstab li ma kinux ġew applikati rati ta' assistenza differenzjati fil-proġetti kkampjunati (ara l-paragrafi 55 sa 60).

RAKKOMANDEZZJONI 3

- (a) **L-Istati Membri** għandhom:
- (i) jagħtu aktar attenzjoni għaż-żieda tas-sensibilizzazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fi skemi tal-immaniġġjar tal-iskart, speċjalment fir-rigward tas-segregazzjoni tal-iskart f'ras il-għajn minn unitajiet domestiċi. Ir-riżultati miksuba permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' strateġiji edukattivi għandhom jitkejlu b'mod sistematiku;
 - (ii) jiffokaw fuq l-implimentazzjoni ta' ġbir separat, inkluż l-iskart bijodegradabbli meta dan ikun kosteffettiv, sabiex tiġi massimizzata l-prestazzjoni tal-infrastrutturi tal-immaniġġjar tal-iskart u sabiex isir progress lejn il-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart;
 - (iii) jintroduċu strumenti ekonomiċi fl-immaniġġjar tal-iskart għall-promozzjoni tal-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart, b'mod partikolari permezz ta' taxxa fuq ir-rimi tal-iskart, skemi ta' "ħallas biex tarmi" u inċentivi oħra fit-tariffi mħallsa minn unitajiet domestiċi.
- (b) **Il-Kummissjoni** għandha:
- (i) tagħmel il-kontribuzzjoni tal-UE soġġetta għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri;
 - (ii) fir-rigward tal-"prinċipju li min iniġġes iħallas", meta tkun qed tapprova l-programmi operazzjonali, titlob mill-Istati Membri l-applikazzjoni ta' rati ta' assistenza mnaqqsa meta t-tariffi għall-immaniġġjar tal-iskart imħallsa minn unitajiet domestiċi ma jkunux ikopru l-ispejjeż operattivi u parti kbira tal-ispejjeż ta' deprezzament tal-immaniġġjar ta' skart municiċipali. Il-Kummissjoni għandha tapplika dan il-prinċipju hi stess meta tkun qed tapprova proġetti kbar.

- 77.** Titjib fil-qafas regolatorju tal-UE u l-linji gwida tal-UE jista' jikkontribwixxi għall-massimizzazzjoni tal-effettività tal-finanzjament minn miżuri strutturali għall-infrastrutturi tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali. Il-Qorti nnutat li:
- (a) nuqqas ta' ffukar tal-miri tal-direttivi tal-UE dwar l-iskart fuq il-prevenzjoni tal-iskart minkejja li l-prevenzjoni hija l-ewwel għażla għall-immaniġġjar skont id-Direttiva dwar l-iskart (ara l-paragrafi 62 sa 63);
 - (b) nuqqas ta' ċarezza tal-kunċett ta' trattament qabel ir-rimi, li rriżulta fi strateġiji differenti fil-livell nazzjonali u reġjonali (ara l-paragrafi 64 sa 65);
 - (c) nuqqas ta' standards tal-kwalità tal-UE għall-kompost, minkejja n-nuqqas jew l-inkonsistenza tal-istandards disponibbli fil-livell tal-Istati Membri li xekkel l-iżvilupp ta' suq tal-kompost (ara l-paragrafi 66 u 67);
 - (d) nuqqas ta' gwida dwar il-metodoloġija li għandha tintuża biex jiġu vvalutati l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara tal-miżbljet (il-paragrafu 68).

RAKKOMANDAZZJONI 4

Il-Kummissjoni għandha:

- (a) ttipproponi miri għall-prevenzjoni tal-iskart f'konformità mal-piramida ta' ġerarkija tal-iskart tal-UE;
- (b) tikkjarifika l-kunċett ta' trattament qabel ir-rimi li jinsab fid-Direttiva dwar ir-Rimi ta' Skart f'Miżbljet, biex tiżgura approċċ konsistenti mill-Istati Membri;
- (c) tikkunsidra l-opportunità li tiżviluppa mal-Istati Membri standards tal-kwalità tal-UE għall-kompost sabiex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' suq tal-kompost;
- (d) tipprovdi gwida xierqa u xxerred l-aħjar prassi fir-rigward tal-metodoloġija li għandha tintuża sabiex issir stima tal-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara tal-miżbljet li għandhom ikunu koperti mis-sigurtà finanzjarja.


Dan ir-Rapport għe adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Harald NOACK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' Ottubru 2012.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

SISTEMA TAL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART MIS-SORS TAL-ISKART SAR-RIMI FINALI



Noti komplementari għad-dijagramma

Skont id-Direttiva dwar l-Iskart,

Prevenzjoni: tfisser miżuri meħuda qabel sustanza, materjal jew prodott ikunu saru skart, li jnaqqsu: il-kwantità tal-iskart, l-impatti negattivi tal-iskart iġġenerat fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem jew il-kontenut ta' sustanzi ta' ħsara f'materjali u prodotti.

Użu mill-ġdid: tfisser kull operazzjoni li biha l-prodotti jew il-komponenti li mhumiex skart jerġgħu jintużaw għall-istess skop li għalih kienu maħsubin.

Riċiklaġġ: tfisser kwalunkwe operazzjoni ta' rkupru li biha l-materjali tal-iskart jiġu pproċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħra. Dan jinkludi l-ipproċessar mill-ġdid ta' materjal bijodegradabbli iżda ma jinkludix irkupru ta' enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid f'materjali li għandhom jintużaw bħala fjuwils jew għal operazzjonijiet ta' radam mill-ġdid.

Irkupru: tfisser kwalunkwe operazzjoni li r-riżultat prinċipali tagħha jkun skart li jservi skop utli permezz tas-sostituzzjoni ta' materjali oħra li inkella kienu jintużaw biex jissodisfaw funzjoni partikolari, jew skart li qed jiġi ppreparat b'mod li jissodisfa dik il-funzjoni, fl-impjant jew fl-ekonomija usa'.

Rimi: tfisser kull operazzjoni li mhijiex irkupru anki meta l-operazzjoni għandha bħala konsegwenza sekondarja r-reklamazzjoni ta' sustanzi jew enerġija.

ASSISTENZA MILL-MIŻURI STRUTTURALI ASSENJATA GĦAL PROĠETTI TA' MMANIĠĠJAR TAL-ISKART

| PERJODU TA' PROGRAMMAZZJONI 2000-2006 | | | | | |
|---------------------------------------|---------------------------------|---------------------------------|----------------------|----------------------|----------------|
| Stat Membru | FK (skart urban u industrijali) | FK (ambjent relatat mal-iskart) | FEŻR | TOTAL | % Fuq it-Total |
| Spanja | 1 393 087 080 | 75 120 816 | 220 099 852 | 1 688 307 748 | 36,78 |
| il-Greċja | 365 649 728 | 0 | 297 647 168 | 663 296 896 | 14,45 |
| il-Portugall | 385 910 757 | 8 908 090 | 51 652 744 | 446 471 591 | 9,73 |
| l-Italja | 0 | 0 | 313 677 576 | 313 677 576 | 6,83 |
| l-Ungerija | 176 848 871 | 27 958 830 | 15 167 782 | 219 975 483 | 4,79 |
| il-Ġermanja | 0 | 0 | 197 557 502 | 197 557 502 | 4,30 |
| il-Polonja | 74 031 202 | 29 438 760 | 91 424 570 | 194 894 532 | 4,25 |
| il-Litwanja | 90 372 374 | 16 563 950 | 1 446 008 | 108 382 332 | 2,36 |
| ir-Rumanija | 0 | 107 489 325 | 0 | 107 489 325 | 2,34 |
| Franza | 0 | 0 | 103 931 777 | 103 931 777 | 2,26 |
| l-Irlanda | 6 903 275 | 0 | 80 617 000 | 87 520 275 | 1,91 |
| is-Slovenja | 62 572 651 | 20 331 730 | 0 | 82 904 381 | 1,81 |
| ir-Repubblika Ċeka | 47 345 000 | 0 | 16 328 485 | 63 673 485 | 1,39 |
| il-Latvja | 32 405 111 | 22 928 732 | 7 538 163 | 62 872 006 | 1,37 |
| Kooperazzjoni transkonfinali fl-UE | 0 | 0 | 56 691 788 | 56 691 788 | 1,24 |
| il-Bulgarija | 0 | 51 800 193 | 0 | 51 800 193 | 1,13 |
| Ċipru | 0 | 28 722 415 | 0 | 28 722 415 | 0,63 |
| l-Estonja | 23 096 673 | 0 | 2 389 009 | 25 485 682 | 0,56 |
| is-Slovakkja | 0 | 0 | 22 870 561 | 22 870 561 | 0,50 |
| ir-Renju Unit | 0 | 0 | 16 864 095 | 16 864 095 | 0,37 |
| Malta | 11 723 250 | 0 | 3 166 065 | 14 889 315 | 0,32 |
| Kooperazzjoni interreġjonali fl-UE | 0 | 0 | 13 985 683 | 13 985 683 | 0,30 |
| il-Finlandja | 0 | 0 | 6 222 300 | 6 222 300 | 0,14 |
| il-Belġju | 0 | 0 | 5 706 707 | 5 706 707 | 0,12 |
| il-Pajjiżi l-Baxxi | 0 | 0 | 5 680 360 | 5 680 360 | 0,12 |
| id-Danimarka | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| il-Lussemburgu | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| l-Awstrija | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| l-Isvezja | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| TOTAL UE | 2 669 945 972 | 389 262 841 | 1 530 665 195 | 4 589 874 008 | 100,00 |

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

| PERJODU TA' PROGRAMMAZZJONI 2007-2013 | | |
|---------------------------------------|-------------------------|----------------|
| Stat Membru | Ammont assenjat mill-UE | % Fuq it-Total |
| il-Polonja | 1 311 253 636 | 21,01 |
| ir-Rumanija | 792 840 872 | 12,71 |
| ir-Repubblika Ċeka | 520 258 572 | 8,34 |
| Spanja | 462 015 554 | 7,40 |
| il-Greċja | 432 176 450 | 6,93 |
| is-Slovakkja | 368 600 000 | 5,91 |
| l-Ungerija | 366 500 000 | 5,87 |
| l-Italja | 338 072 531 | 5,42 |
| il-Bulgarija | 300 521 138 | 4,82 |
| il-Litwanja | 278 995 046 | 4,47 |
| il-Portugall | 224 088 076 | 3,59 |
| is-Slovenja | 205 568 426 | 3,29 |
| Franza | 134 470 000 | 2,16 |
| il-Latvja | 129 500 000 | 2,08 |
| Ċipru | 125 495 000 | 2,01 |
| l-Estonja | 70 302 813 | 1,13 |
| Malta | 55 250 000 | 0,89 |
| il-Ġermanja | 47 745 110 | 0,77 |
| Kooperazzjoni transkonfinali fl-UE | 47 890 793 | 0,77 |
| ir-Renju Unit | 20 230 668 | 0,32 |
| l-Irlanda | 3 000 000 | 0,05 |
| il-Belġju | 2 382 219 | 0,04 |
| il-Pajjiżi l-Baxxi | 2 667 500 | 0,04 |
| TOTAL | 6 239 824 404 | 100,00 |

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

LISTA TA' INFRASTRUTTURI MAGĦŻULA GĦALL-VERIFIKA

| Reġjun (Stat Membru) | Titolu tal-proġett | Tip ta' infrastruttura għall-immaniġġjar tal-iskart | Fond tal-UE |
|----------------------|--|---|--------------------|
| Katalunja (Spanja) | Impjant għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku (Sant Adrià de Besòs) | Trattament mekkaniku u bijoloġiku | Fond ta' Koeżjoni |
| Katalunja (Spanja) | Kostruzzjoni u adattament ta' infrastrutturi tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali f'Katalunja (Proġett 17 – Tkabbir u adattament tal-miżbla f'Alt Empordà) | Miżbla | Fond ta' Koeżjoni |
| Katalunja (Spanja) | Kostruzzjoni u adattament ta' infrastrutturi tal-immaniġġjar ta' skart muniċipali f'Katalunja (Proġett 18 – Impjant għall-ikkompostjar f'Gironés) | Impjant għall-ikkompostjar | Fond ta' Koeżjoni |
| Sardinja (l-Italja) | Impjant għall-produzzjoni ta' kompost ta' kwalità (Serramanna) | Impjant għall-ikkompostjar | FEŻR (OP Sardegna) |
| Sardinja (l-Italja) | Impjant għad-diġestjoni anaerobika (Villacidro) | Trattament mekkaniku u bijoloġiku | FEŻR (OP Sardegna) |
| Sardinja (l-Italja) | Impjant għas-selezzjoni, l-istabbilizzazzjoni u l-produzzjoni ta' fjuwil derivat miż-żibel (Olbia) | Trattament mekkaniku u bijoloġiku | FEŻR (OP Sardegna) |
| Puglia (l-Italja) | Impjant għall-bijostabilizzazzjoni u l-ikkompostjar f'Cerignola | Trattament mekkaniku u bijoloġiku | FEŻR (OP Puglia) |
| Puglia (l-Italja) | Miżbla (Cavallino) | Miżbla | FEŻR (OP Puglia) |
| Puglia (l-Italja) | Impjant għall-bijostabilizzazzjoni (Cavallino) | Trattament mekkaniku u bijoloġiku | FEŻR (OP Puglia) |
| Puglia (l-Italja) | Protezzjoni u riġenerazzjoni tal-ambjent permezz tal-iżvilupp taċ-ċiklu tal-immaniġġjar ta' skart urban (Brindisi) | Mhux operattiv fiż-żmien tal-verifika | FEŻR (OP Puglia) |
| Andalucía (Spanja) | Impjant għall-irkupru tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ fiċ-ċentru integrat għat-trattament ta' skart solidu muniċipali Monte Marta - Cónica (Sevilla) | Impjanti tas-separazzjoni | Fond ta' Koeżjoni |
| Andalucía (Spanja) | Impjant għall-irkupru u l-ikkompostjar (Linares) | Trattament mekkaniku u bijoloġiku | Fond ta' Koeżjoni |
| Andalucía (Spanja) | Tagħmir, għeluq u kostruzzjoni ta' ċellola ġdida f'miżbla għad-depożitar ta' skart solidu muniċipali, Guadiel (Linares) | Miżbla | Fond ta' Koeżjoni |
| LVT (il-Portugall) | Impjant għas-separazzjoni, RESITEJO | Impjant għas-separazzjoni | FEŻR (OP LVT) |
| LVT (il-Portugall) | Kostruzzjoni ta' impjant għall-irkupru organiku (VALORSUL) | Impjant għad-diġestjoni anaerobika | Fond ta' Koeżjoni |
| Norte (il-Portugall) | Sistema multimunicipali għall-irkupru u t-trattament ta' skart solidu muniċipali (Vale do Douro Sul, RESIDOURO) | Impjant għas-separazzjoni | FEŻR (OP Norte) |
| Norte (il-Portugall) | Sistema multimunicipali għall-irkupru u t-trattament ta' skart solidu muniċipali (Vale do Douro Sul, RESIDOURO) | Miżbla | FEŻR (OP Norte) |
| Norte (il-Portugall) | Riabilitazzjoni ambjentali tal-impjant għat-trattament ta' skart solidu muniċipali (Vale do Ave) | Impjant għall-ikkompostjar | FEŻR (OP Norte) |

| Reġjun (Stat Membru) | Titolu tal-proġett | Tip ta' infrastruttura għall- immaniġġjar tal-iskart | Fond tal-UE |
|--|--|---|--------------------------------|
| Norte (il-Portugall) | Immaniġġjar integrat ta' skart solidu minn LIPOR – impjant għall-irkupru organiku | Impjant għall-ikkompostjar | Fond ta' Koeżjoni |
| Norte (il-Portugall) | Sistema multimunicipali għall-irkupru u t-trattament ta' skart solidu muniċipali (Baixo Tâmega) | Impjant għas-separazzjoni | Fond ta' Koeżjoni |
| Norte (il-Portugall) | Sistema multimunicipali għall-irkupru u t-trattament ta' skart solidu muniċipali (Baixo Tâmega) | Miżbla | Fond ta' Koeżjoni |
| Nord-Est (ir-Rumanija) | Programm tal-immaniġġjar tal-iskart f'Piatra Neamt | Impjant għall-ikkompostjar | Fond ta' Koeżjoni (ex ISPA) |
| Nord-Est (ir-Rumanija) | Programm tal-immaniġġjar tal-iskart f'Piatra Neamt | Impjant għas-separazzjoni | Fond ta' Koeżjoni (ex ISPA) |
| Nord-Est (ir-Rumanija) | Programm tal-immaniġġjar tal-iskart f'Piatra Neamt | Miżbla | Fond ta' Koeżjoni (ex ISPA) |
| Sud-Vest (ir-Rumanija) | Sistema integrata għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali (Râmnicu Vâlcea) | Impjant għall-ikkompostjar | Fond ta' Koeżjoni (ex ISPA) |
| Sud-Vest (ir-Rumanija) | Sistema integrata għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali (Râmnicu Vâlcea) | Miżbla | Fond ta' Koeżjoni (ex ISPA) |
| Programmi operazzjonali komplementari tal-FEŻR eżaminati li għalihom ebda infrastruttura ma ġiet i-verifikata | | | |
| Katalunja (Spanja) | Dokument ta' Pprogrammar Uniku Cataluña 2000-2006 | | |
| Andalucía (Spanja) | Programm Operazzjonali Andalucía 2000-2006 | | |
| Castilla La Mancha (Spanja) | Programm Operazzjonali Castilla la Mancha 2000-2006 | | |
| Comunidad de Madrid (Spanja) | Dokument ta' Pprogrammar Uniku Comunidad de Madrid 2000-2006 | | |
| Madeira (il-Portugall) | Programm Operazzjonali Madeira 2000-2006 | | |
| Sicilia (l-Italja) | Programm Operazzjonali Sicilia 2000-2006 | | |

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

RATI TA' ASSISTENZA MOGĦTIJA META MQABBLA MAR-RATI LI JIEĦDU KONT TAL-LIVELL TA' KOPERTURA TAL-ISPEJJEŻ OPERATTIVI MINN UNITAJIET DOMESTIĊI

| Infrastruttura | Kopertura tal-ispejjeż totali mit-tariffi | Kopertura tal-ispejjeż operattivi mit-tariffi | Rata ta' assistenza applikata | Rati ta' assistenza proposti li għandhom jiġu applikati ³ | Sena ta' referenza |
|----------------------|--|---|-------------------------------|--|--------------------|
| ES-CA1 | 40 % | 42 % | 80 % | 50 % | 2010 |
| ES-CA2 | 56 % | 59 % | 80 % | 50 % | 2010 |
| ES-CA3 | 76 % | 80 % | 80 % | 50 % | 2010 |
| IT-SA1 | 78 % | 84 % | 50 % | 40 % | 2009 |
| IT-SA2 | 77 % | 83 % | 50 % | 40 % | 2009 |
| IT-SA3 | 78 % | 84 % | 50 % | 40 % | 2009 |
| IT-PU1 | 96 % | 100 % | 50 % | 40 % | 2009 |
| IT-PU2 u 3 | 85 % | 91 % | 50 % | 40 % | 2009 |
| IT-PU4 | MA. Il-proġett ma kienx qed jopera fiż-żmien taż-żjara tal-verifika. | | | | |
| ES-AN1 | MA. L-ispejjeż tal-operat u d-deprezzament tal-impjant għas-separazzjoni huma koperti minn kumpanji li introduċew l-imballaġġ fis-suq. | | | | |
| ES-AN2 u 3 | 83 % | 88 % | 80 % | 50 % | 2009 |
| PT-LVT1 | 55 % | 66 % | 75 % | 50 % | 2010 |
| PT-LVT2 ¹ | 0 % | 0 % | 50 % | 50 % | 2010 |
| PT-NO1 u 2 | 27 % | 33 % | 75 % | 50 % | 2010 |
| PT-NO3 | 73 % | 88 % | 75 % | 50 % | 2010 |
| PT-NO4 | 68 % | 82 % | 50 % | 50 % | 2010 |
| PT-NO5 u 6 | 24 % | 29 % | 85 % | 50 % | 2010 |
| RO-PN1, 2 u 3 | Ebda informazzjoni | 73 % | 75 % | 50 % | 2010 |
| RO-RV1 u 2 | Ebda informazzjoni | 89 % ² | 75 % | 50 % | 2010 |

¹ L-informazzjoni li saret disponibbli lill-Qorti kienet għal tnejn biss mit-tliet municiplitalitajiet li għalihom din intalbet.

² Mhux inklużi l-ispejjeż operattivi tal-miżbla u tal-impjant għall-ikkompostjar.

³ Ibbażat fuq id-Dokument tekniku 1 – Application of the Polluter Pays Principle – Differentiating the rates of Community assistance for Structural Funds, Cohesion Fund and ISPA infrastructure operations (Applikazzjoni tal-Prinċipju li Min Iniġġes Iħallas – Differenzjar tar-rati ta' assistenza Komunitarja għal operazzjonijiet relatati mal-infrastrutturi tal-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-ISPA) (6.12.1999). Dan id-dokument tekniku jipproponi r-rati ta' assistenza li għandhom jiġu applikati.

Sors: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri abbażi ta' data disponibbli fil-livell tal-Kummissjoni u dak tal-Istati Membri.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV

III.

Fil-qafas ta' proġetti kkofinanzjati mill-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni ma kinitx mogħtija s-setgħa biex tivverifika l-adeqwatezza u tivvaluta dwar is-sustanza l-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart jew biex timponi l-inklużjoni ta' miżuri ta' sostenn.

Fil-mument tal-approvazzjoni tal-proġetti u l-implimentazzjoni tagħhom, il-ġbir separat ma kienx rekwiżit legali tal-UE.

Il-Kummissjoni pproponiet kundizzjonalitajiet *ex-ante* għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-20.

III. (a)

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kwistjonijiet dwar il-kunċett ta' trattament u l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara huma kwistjonijiet sistemiċi li jeħtieġu approċċ globali, li għalihom il-ġurisprudenza se tkompli tiżviluppa u se jsiru diskussjonijiet tekniċi, rispettivament.

F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi (KUMM (2011)571 final), il-Kummissjoni se tiżviluppa politika mmirata li tnaqqas ir-rimi tal-iskart fil-miżbliet filwaqt li żżid ir-rati ta' riċiklaġġ. Għal dan il-għan, l-implimentazzjoni ta' strumenti ekonomiċi, pereżempju t-taxxa tal-miżbliet u l-iskemi ta' ħlas skont ir-rimi marbuta mal-ġbir separat tal-iskart huma meqjusa bħala kruċjali għas-suċċess.

III. (b)

Sar titjib fil-ġbir u l-evalwazzjoni tad-dejta dwar l-iskart fis-snin wara l-perjodu vverifikat mill-Qorti.

Dwar l-iskart municijali, mill-1995 'l hawn il-Kummissjoni stabbiliet sistema għall-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-dejta fuq livell nazzjonali fuq bażi volontarja u tapplika l-qafas tal-kwalità għall-istatistika uffiċjali. Mill-2010 'l hawn, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ sistema volontarja għall-produzzjoni tal-istatistika fil-livell reġjonali.

Matul il-perjodu osservat mill-Qorti (2000-2009) il-ġenerazzjoni *per capita* tal-iskart municijali kibret f'16-il Stat Membru, naqset f'9 u baqgħet l-istess f'2 Stati Membri.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

III. (c)

Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart, wieħed mill-kriterji fil-kondizzjonalità tal-iskart *ex-ante* propost għall-2014-20 jitlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart li jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart tal-2008 sabiex l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jibqgħu jipprovdu rapporti mhux kompluti u fl-istess ħin jibbenefikaw minn Miżuri Strutturali.

IV. (a)

Kondizzjonalità *ex-ante* marbuta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart hi mdaħħla fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni¹ propost mill-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmar 2014-20.

IV. (b)

Il-Kummissjoni tappoġġja din ir-rakkomandazzjoni u thegħeġ lill-Istati Membri biex joħolqu bażijiet tad-dejta pubbliċi dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Permezz tal-proposta tal-Kummissjoni qed jiġi pprovdut qafas għal Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali (SEIS)².

IV. (c)

Il-ġbir separat se jsir obbligu legali għal għadd ta' flussi ta' skart (ħlief għal skart bijodegradabbli) mill-2015 'il quddiem.

F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi (KUMM (2011)571 finali), il-Kummissjoni se tiżviluppa politika mmirata li tnaqqas ir-rimi tal-iskart fil-miżbljet filwaqt li żżid ir-rati ta' riċiklaġġ. Għal dan il-għan, l-implimentazzjoni ta' strumenti ekonomiċi pereżempju t-taxxa tal-miżbljet, l-iskemi ta' ħlas skont ir-rimi marbuta mal-ġbir separat tal-iskart huma meqjusa bħala kruċjali għas-suċċess.

Il-Kummissjoni pproponiet il-kundizzjonalità *ex-ante* fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni 2014-20. Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart, wieħed mill-kriterji tal-kundizzjonalità tal-iskart jirrikjedi li l-Istati Membri jstabbilixxu pjani għall-prevenzjoni tal-iskart kif meħtieġ mill-Artikolu 29 tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart tal-2008.

Għal proġetti li jiġġeneraw dħul, bħalissa l-Kummissjoni qed tapplika l-prinċipju li min inieġes iħallas u rati mnaqqsa tal-għajna, billi tuża approċċ komprensiv li jqis id-disponibbiltà tal-mezzi u l-effettività.

IV. (d)

Id-Direttiva Qafas dwar l-iskart 2008/98/KE, li hija attwalment fis-seħħ, tistipula r-rekwiżiti legalment vinkolanti rigward il-ġerarkija tal-immaniġġjar tal-iskart, il-ġbir separat, il-miri tar-riċiklaġġ, il-pjanijiet għall-ġestjoni tal-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart.

F'Ġunju 2012, il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida dwar ir-rekwiżiti prinċipali ta' din id-Direttiva³.

Ir-reviżjoni ppjanata għall-2014 tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart għandha tiffoka fuq il-miri għall-prevenzjoni tal-iskart għall-2020 kif ukoll fuq ir-reviżjoni tal-miri tar-riċiklaġġ għall-2020. Dan se jkun marbut mar-reviżjoni tal-miri ta' devjazzjoni bijodegradabbli tad-Direttiva dwar il-Miżbljet sabiex jiġi evitat ir-rimi fil-miżbljet ta' skart riċiklabbli, meħtieġa wkoll għall-2014.

Il-Kummissjoni qiegħda tqis l-iżvilupp ta' kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart għal skart bijodegradabbli. Dan għandu jappoġġja l-produzzjoni ta' kompost bi kwalità approvata.

¹ COM(2011) 615 finali/2, tas-06.10.2011, kif emendat fl-14.3.2012 u l-11.9.2012

² <http://ec.europa.eu/environment/seis/>

³ http://ec.europa.eu/environment/waste/framework/pdf/guidance_doc.pdf

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

INTRODUZZJONI

7.

Meta mqabbla mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-1975, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 *ssahħha* il-ġerarkija tal-iskart u l-prinċipju li min iniġġes iħallas.

10. It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-Osservazzjonijiet 10 u 11

Hemm żewġ tipi ewlenin ta' finanzjament tal-UE: fondi li huma ġestiti ċentralment u direttament mill-Kummissjoni Ewropea, eż. għal riċerka; u fondi li l-immaniġġjar tagħhom hu maqsum bejn l-UE u l-Istati Membri, eż. il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni. Għall-fondi f'"ġestjoni konġunta", l-Istati Membri jimplimentaw programmi fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri mbagħad jallokaw dawn il-fondi lill-benefiċjarji finali (eż. kumpaniji, bdiewa, muniċipalitajiet, eċċ.). L-Istat Membru għandu r-responsabbiltà primarja li jistabbilixxi sistema ta' ġestjoni u kontroll li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolamenti, li jiżgura li din is-sistema tiffunzjona b'mod effettiv kif ukoll li jkun hemm prevenzjoni, identifikazzjoni, u korrezzjoni tal-irregolaritajiet. Il-Kummissjoni għandha rwol ta' sorveljanza billi tissoddisfa ruħha li l-arranġamenti li jirregolaw is-sistema tal-ġestjoni u kontroll ikunu konformi. Dan tagħmlu billi tivverifika l-funzjonament effettiv ta' din is-sistema u tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji, fejn meħtieġ.

Imbagħad l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà ewlenija għall-għażla, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti tal-FEŻR.

L-AMBITU U L-APPROĊ TAL-AWDITJAR

17.

Wieħed mill-pajjiżi inklużi fil-kampjun, ir-Rumanija, ma kienx Membru tal-UE fil-perjodu 2000-06 iżda biss mill-2007 'il quddiem. Ir-regolament tal-ISPA kien applikabbli għall-pajjiżi li kienu fil-fażi ta' qabel l-adeżjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 20 u 21

Is-sitta u għoxrin proġett li kienu jagħmlu l-kampjun kollha kienu kkofinanzjati fil-perjodu 2000-06; ħamsa kienu kkofinanzjati mill-ISPA, għaxra mill-Fond ta' Koeżjoni u l-bqija mill-FEŻR, iżda mhux bħala Proġetti Maġġuri; għalhekk huma ma kinux soġġetti għal valutazzjoni *ex-ante* mis-servizzi tal-Kummissjoni. Għal dawn il-proġetti, skont il-prinċipji tal-ġestjoni konġunta, l-awtoritajiet nazzjonali ta' ġestjoni huma responsabbli għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-għotja, għad-deċiżjoni dwar l-ammont tal-għotja u għas-segwitu tal-implimentazzjoni tal-proġett.

24.

L-utilizzazzjoni żejda ta' xi impjanti ta' separazzjoni kultant hi wkoll assoċjata ma' bidliet sinifikanti u mhux mistennija fl-attività ekonomika u l-imġiba tan-nies f'termini ta' separazzjoni tal-iskart li ma setgħux jiġu mbassra minn qabel.

25. (a)

Kif spjegat fit-tweġiba għall-Osservazzjoni 24, hu diffiċli li titbassar il-kompożizzjoni tal-iskart miġbur. Dan imbagħad ikollu konsegwenzi għall-prestazzjoni f'termini ta' produzzjoni tal-kompost. Madankollu, il-prestazzjoni għandha tkun evalwata fuq bażi globali: pereżempju, għal proġett wieħed, l-Istat Membru ddikjara li l-bijodegradabbiltà akbar tal-iskart wasslet għal tnaqqis tal-kwantità tal-kompost prodott iżda rriżultat fil-produzzjoni tal-bijogass.

25. (b)

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-Osservazzjoni 24.

Għall-proġetti tal-ISPA/il-Fond ta' Koeżjoni, it-tweġiq tal-għanijiet tal-proġetti hu vverifikat fid-dawl tal-għanijiet (stabbiltà fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni) mis-servizzi tal-Kummissjoni matul il-proċeduri ta' għeluq tal-proġett.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu nota tal-Osservazzjoni tal-Qorti u se jqisuha matul il-proċedura ta' għeluq tal-proġett meta jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

25. (c)

Ma hemm l-ebda obbligi legali tal-UE għall-Istati Membri biex jistabbilixxu standards għall-kompost, billi dawn ma kinux speċifikati mil-leġiżlatur.

Ma hemm l-ebda standard armonizzat tal-UE għall-kompost. Jekk jogħġbokom irreferu għall-Komunikazzjoni tal-2010 mill-Kummissjoni dwar passi li jistgħu jittieħdu fil-ġejjieni dwar l-immaniġġjar tal-bijoskart fl-Unjoni Ewropea - COM(2010) 235 finali fuq: <http://ec.europa.eu/environment/waste/compost/developments.htm>. Aktar speċifikament, il-kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart bijodegradabbli qed jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni⁴.

25. (d)

Għaż-żewġ proġetti li joperaw taħt il-kapaċità tagħhom, is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu nota tal-Osservazzjoni tal-Qorti u se jqisuha matul il-proċedura ta' għeluq tal-proġett meta jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru.

L-utilizzazzjoni żejda hi limitata ħafna f'wieħed mill-każijiet msemmija. Barra minn hekk, l-Istat Membru informa lill-Kummissjoni li l-pjanijiet attwali jipprovdu għall-installazzjoni ta' impjant għall-kompost ġdid biex ikunu moqdi jin il-ħtiġijiet tar-reġjun. Għat-tieni każ, minkejja ż-żieda tal-kapaċità tal-impjant, hemm produzzjoni ogħla tal-iskart.

26.

Is-sostenibbiltà tal-azzjoni kkofinanzjata mill-UE hi prinċipju kruċjali għall-assistenza tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu li l-proġetti huma operabbli, funzjonali u konformi mal-politiki tal-UE:

- Fil-kuntest tal-għeluq tal-programmi tal-FEŻR, l-Istati Membri huma mitluba jressqu lill-Kummissjoni, flimkien mad-dokumenti ta' għeluq, lista ta' proġetti mhux lesti u mhux operazzjonali u għandhom sa sentejn (31.12.12) biex iressqu t-tagħrif dwar it-tlestija ta' dawn il-proġetti. Jekk, sa dak iż-żmien, il-proġetti jkunu għadhom ma tlestewx, imbagħad il-Kummissjoni se tiżgura li l-Istat Membru jirkupra l-fondi kkonċernati jew inkella se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji.
- Fil-każ tal-Fond ta' Koeżjoni, il-proċess ta' għeluq jitlob rapportar dwar l-investment fir-rapport finali li jinkludi valutazzjoni inizjali dwar jekk ir-riżultati mistennija jkunux x'aktarx se jinkisbu. Għal perjodu ta' tliet snin wara l-pagament finali mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet responsabbli tal-Istat Membru jridu jipprovdu l-provi dokumentarji kollha dwar in-nefqa u l-kontrolli fuq il-proġett.

Il-proġett li jinsab fir-reġjun tal-Puglia hu fil-lista ta' proġetti mhux mitmuma/mhux operazzjonali. Barra minn hekk, wara talba għall-informazzjoni mill-Kummissjoni, l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm Operazzjonali għall-Puglia 2000-06 infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni, fis-07.03.12, li l-kuntratt għall-operazzjoni tal-proġett IT-PU4 sadanittant kien ingħata u daħal fis-seħħ fl-20.07.12.

27. (b)

Skont l-Istat Membru, l-għanijiet tal-proġett ma inkludewx il-produzzjoni tal-kompost iżda l-produzzjoni ta' skart stabilizzat jew kompost (skart) mhux skont l-ispeċifikazzjoni. Fid-dawl tal-istruttura tal-impjant, il-proġett ma setax jiġi awtorizzat biex jipproduċi kompost ta' kwalità (materja prima sekondarja) fuq skala industrijali iżda f'kapaċità sperimentali biss kif kien il-każ waqt l-ispezzjoni fuq il-post mill-Qorti. Konsegwentement, l-iskart prodott mhux mis-tenni jissodisfa r-rekwiżiti legali Taljani għall-fertilizzanti.

⁴ Din il-Komunikazzjoni tikkonkludi li "għandhom ikunu stabbiliti standards għall-kompost u għall-prodott diġerit sabiex dawn jitħallew jiċċirkulaw b'mod ħieles fis-suq intern u sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' iktar monitoraġġ u kontroll tal-ħamrija fejn jintużaw" (p.7). Il-proċedura ta' "tmiem tal-istadju tal-iskart" taħt id-Direttiva Qafas dwar l-iskart tista' tkun l-iktar mod effiċjenti kif wieħed jistabbilixxi standards bħal dawn. Il-Kummissjoni qed tibda l-ħidma biex tivvaluta l-bażi teknika għal proposta li tista' tagħmel. Standards għall-kompost qegħdin jiġu elaborati fil-kuntest ta' kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart (abbozzi tekniċi qed ikunu lesti biex jiġu adottati, jekk xieraq, matul l-2013). Għal aktar tagħrif dwar l-iżviluppi reċenti jekk jogħġbokom araw: <http://susproc.jrc.ec.europa.eu/activities/waste/index.html>

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Kaxxa 4 L-ewwel paragrafu

Is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu nota tal-Osservazzjoni tal-Qorti għall-erba' impjanti, u se jikkunsidrawha matul il-proċeduri tal-għeluq meta jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri (ara wkoll it-tweġiba għall-Osservazzjoni 26).

Kaxxa 4 It-tielet paragrafu

Fir-rigward tal-impjant tas-separazzjoni u tal-ikkompostjar ta' Linares fi Spanja, l-Istat Membru indika bħala tweġiba għall-Osservazzjoni tal-Qorti li l-kisbiet baxxi tal-miri kienu dovuti, fost oħrajn, għal kwistjonijiet tekniċi kkawżati minn kundizzjonijiet idroloġiċi. Il-proċess tal-ikkompostjar kien twaqqaf sabiex jinbnew xi xogħlijiet biex jiġu kkontrollati l-kundizzjonijiet idroloġiċi. Dan il-fatt kellu wkoll impatt fuq il-kwantità ta' skart li kellu jintrema fil-miżbljet. Skont l-Istat Membru, saru xi xogħlijiet biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

28.

Il-miri għad-devjazzjoni ta' skart bijodegradabbli mill-miżbljet għandhom jintlaħqu fil-livell nazzjonali. L-ewwel mira ġiet iffissata minn Lulju 2006. Il-Kummissjoni bħalissa qed tinvestiga l-implimentazzjoni tal-miri ta' devjazzjoni mill-miżbljet attwali u ġew immedija każijiet tal-EU-Pilot⁵ skont dan.

28. (a)

Għal miżbla waħda, mingħajr is-sistema ta' trattament minn qabel, 31% tal-iskart depożitat biss kien fih il-materja organika. Barra minn hekk, il-proporzjon tal-popolazzjoni li ma kellhiex aċċess għall-ġbir separat tal-iskart organiku naqas minn 69% għal 35% fl-2010. B'hekk il-kontenut ta' skart organiku mormi fil-miżbljet qed jonqos.

Fi kwalunkwe każ, is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti u se jikkunsidrawha matul il-proċedura tal-għeluq tal-proġetti meta jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri (ara wkoll it-tweġiba għall-Osservazzjoni 26).

28. (b)

Għal sit ta' miżbla wieħed, skont l-informazzjoni mill-Istat Membru, il-prestazzjoni kienet affettwata fost l-oħrajn minn kundizzjonijiet idroloġiċi iżda saru xi xogħlijiet sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

Għall-faċilità l-oħra, il-Kummissjoni tifhem mill-Istat Membru li l-kwantitajiet sinifikanti ta' skart mhux iddifferenzjat li ġejjin minn barra ż-żona jaffettwaw il-prestazzjoni.

29.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-Osservazzjoni 26 għall-impjant li kien għadu mhux qed jopera fiż-żmien tal-awditjar.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjoni 30 u l-Kaxxa 5

Qed tittieħed nota ta' dawn is-sejbiet. Safejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar il-Miżbljet rigward il-kontroll tal-gass mill-miżbljet ġew miksura, il-Kummissjoni se tinvestiga l-kwistjoni mal-Istati Membri kkonċernati permezz ta' skema tal-EU Pilot.

Għall-proġett Taljan imsemmi fil-Kaxxa 5, is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti u se jikkunsidrawha matul il-proċedura tal-għeluq tal-proġett meta jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru (ara wkoll it-tweġiba għall-Osservazzjoni 26).

Fir-rigward tal-proġett Rumani imsemmi fil-Kaxxa 5, il-Kummissjoni tinnotta li meta evalwat id-dokumenti mressqa mill-awtoritajiet Rumani sabiex jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fl-Artikolu 8 tal-Memorandum ta' Finanzjament, il-permess ambjentali maħruġ għall-proġett tal-ISPA mill-awtorità nazzjonali kompetenti pprovdva għal "stallazzjonijiet tal-ġbir u tal-flare tal-gass tal-miżbla" għall-miżbla l-ġdida kif ukoll għal programm ta' monitoraġġ dwar "il-kwantità u l-kwalità tal-gass tal-miżbla fuq is-sezzjonijiet rappreżentattivi tal-miżbla".

⁵ L-EU Pilot hi sistema ta' skambju ta' tagħrif bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet għall-ksur potenzjali tal-liġi tal-UE mingħajr il-ħtieġa li jingħata bidu għall-proċeduri ta' ksur.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 31 u 32

Id-Direttiva dwar il-Miżbljet ma tipprovdix xi limiti kwantifikati għall-emissjonijiet tal-irwejjaħ li jridu jitħarsu, iżda tipprovdix rekwiżit ġenerali⁶ fejn l-operaturi tal-miżbla huma mitluba jnaqqsu l-inkonvenjenzi bħall-irwejjaħ. Għal proġett wieħed, tagħmir komplementari (għadd ta' fannijiet u filtru bijoloġiku) ġie miżjud biex jiġu evitati l-problemi tal-irwejjaħ, skont il-permess rilevanti fuq livell nazzjonali.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu nota tal-Osservazzjoni tal-Qorti u se jqisuha matul il-proċedura tal-għeluq tal-proġett meta jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru (ara wkoll it-tweġiba għall-Osservazzjoni 26).

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 33 u 34

Il-Kummissjoni tagħraf li l-kwistjoni dwar l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara hi problema sistemika, fil-bżonn ta' approċċ globali.

Il-Kummissjoni se tiftaħ diskussjonijiet mal-Istati Membri fuq livell tekniku.

Fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, il-formola ta' applikazzjoni tal-2007-13 għal Proġetti Maġġuri kienet titlob li l-applikanti juru li l-ispejjeż tal-operat u tal-manutenzjoni, inklużi l-ispejjeż tas-sostituzzjoni, se jkunu koperti f'perijodu ta' referenza partikolari biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġett. Il-valur residwali li jista' jiġi ddefinit bħala l-valur tal-likwidazzjoni virtwali jrid jiġi kkunsidrat ukoll fl-analiżi finanzjarja tal-proġetti maġġuri.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jieħdu nota tal-Osservazzjoni tal-Qorti u se jqisuha matul il-proċedura tal-għeluq tal-proġett meta jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 37 u 38

Ma hemm l-ebda obbligu ta' rappurtar legali fuq livell reġjonali: id-Direttivi u l-ħtiġiet tagħhom, inklużi l-miri, huma indirizzati lill-Istati Membri.

L-Istati Membri jridu jirrappurtaw dwar il-progress rigward il-kisba tal-miri ta' riċiklaġġ u ta' rkupru għall-iskart muniċipali skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 fil-livell nazzjonali; ir-rappurtar beda fl-2012.

Madankollu, il-Kummissjoni stabbiliet il-ġbir tal-istatistika dwar l-iskart muniċipali reġjonali fil-livell tal-UE bħala attività ġdida fl-2010. Il-Kummissjoni tapplika l-qafas tal-kwalità kif stabbiliet għall-produzzjoni tal-istatistiki dwar l-iskart muniċipali annwali, li ilhom jiġu prodotti sa mill-1995.

Il-ġbir tad-dejta dwar l-iskart muniċipali hu pprovdut mill-Istati Membri fuq bażi volontarja fil-qafas tal-Programm ta' Ħidma Annwali dwar l-Istatistika tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw regolarment dwar l-ilħuq tal-miri stabbiliti f'Direttivi tal-UE speċifiċi għall-flussi tal-iskart.

Il-Kummissjoni qed taħdem kontinwament fuq it-titjib tal-kwalità tad-dejta billi tipproduċi dokumenti ta' gwida, materjal għat-taħriġ u permezz tal-organizzazzjoni ta' workshops mal-produtturi tad-dejta mill-Istati Membri.

L-istatistika dwar l-iskart u l-indikaturi derivati tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-Kummissjoni: <http://ec.europa.eu/eurostat/waste>

⁶ Fl-Anness I tagħha, il-punt 5.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 40 u 41

Il-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli matul il-perjodu tal-awditjar ma fiha l-ebda rekwiżit legali dwar il-ġbir separat. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 tirrikjedi lill-Istati Membri li jstabbilixxu l-ġbir separat mill-inqas għall-karti, għall-ħġieġ, għall-metall u għall-plastik sal-2015. Il-ġerarkija tal-iskart legalment vinkolanti tippożizzjona r-rimi fil-miżbliet fil-qiegħ tal-għażliet għat-trattament tal-immaniġġjar tal-iskart. F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi (COM (2011)571 finali) sal-2020 ir-rimi fil-miżbliet għandu jkun ġie minimizzat għal skart li ma jistax jiġi użat aktar minn darba u skart li ma jistax jiġi rriċiklat. Fl-aħħar nett, il-miri tar-rimi fil-miżbliet huma stabbiliti fil-livell nazzjonali u mhux fil-livell reġjonali.

42.

Kif spjegat fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-Qorti, il-miri rilevanti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart huma nazzjonali.

43. (b)

Il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur, fost l-oħrajn, kontra l-erba' Stati Membri soġġetti għall-awditjar għall-eżistenza ta' miżbliet illegali fit-territorju tagħhom.

44.

Il-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur kull meta jiġu stabbiliti tali Prattiki illegali.

44. (a)

Fiż-żmien meta ġew implimentati l-proġetti, ma kien hemm l-ebda rekwiżit legali tal-UE fejn l-iskart bijodegradabbli kellu jinġabar b'mod separat.

L-Artikolu 22 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprattikaw il-ġbir separat tal-iskart organiku. Madankollu, dan mhuwiex obbligu legali.

47.

Miżuri ta' pubbliċità, inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni promossi direttament mill-operatur tas-sistema, huma obbligatorji għal kull proġett ikkofinanzjat mill-Fond ta' Koeżjoni jew mill-FEŻR. Għall-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni tal-2000-06 dan ġie vverifikat fl-għeluq permezz tar-rapporti finali.

48. (b)

Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali/reġjonali/lokali kompetenti li jiżguraw li jsiru kampanji ta' tagħrif biex iqajmu kuxjenza fost il-popolazzjoni dwar il-prattiki tal-immaniġġjar tal-iskart u l-infrastruttura disponibbli. Madankollu, hu rikonoxxut li huma meħtieġa sforzi kostanti sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-popolazzjoni biex ikun żgurat is-suċċess fil-ġbir tal-iskart u l-immaniġġjar globali tal-iskart.

Barra minn hekk, ir-Rumanija kisbet deroga ta' erba' snin għall-miri ta' devjazzjoni tal-iskart bijodegradabbli u għalhekk mhix marbuta li tkun konformi qabel l-2020.

50.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-Osservazzjoni 44 (a).

52.

Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-Osservazzjoni 44 (a).

Fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart tal-UE ma kien hemm l-ebda rekwiżit legali li jitolbu li jiġu adottati l-istandards għall-kompost.

Barra minn hekk, il-kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart għall-iskart bijodegradabbli qed jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjoni 53 a) u b)

Il-Kummissjoni taqbel li l-użu ta' strumenti ekonomiċi se jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-"prinċipju li min iniġġes iħallas" imnaqqax fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁷.

Dawn l-istrumenti ekonomiċi se jgħinu lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali lejn Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi (COM (2011)571 finali). L-esperjenza tal-aktar Stati Membri li kisbu riżultati tajbin uriet li strumenti ekonomiċi xierqa huma essenzjali biex itejbu r-rekord tagħhom għall-immaniġġjar tal-iskart. Ir-riċetta tagħhom għall-immaniġġjar tal-iskart hi sempliċi: li l-ewwel passi tal-ġerarkija tal-iskart ikunu aktar attraenti ekonomikament għall-operaturi u jkunu jaqblu aktar għaċ-ċittadini eż. skemi ta' ħlas skont ir-rimi.

⁷ Studju riċenti (http://ec.europa.eu/environment/waste/pdf/final_report_10042012.pdf) imwettaq f'isem il-Kummissjoni jissuġġerixxi li strumenti ekonomiċi (eż. it-taxxi tal-miżbliet; ir-responsabbiltà estiża tal-produttur; u skemi ta' ħlas skont ir-rimi) huma strumentali u effiċjenti fl-ilħuq tal-miri tar-riċiklaġġ.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

55.

Skont il-Qafas Regolatorju dwar il-Fondi Strutturali, ma kien hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni dwar dawn l-istrumenti.

Matul l-2000-06 u l-2007-13, ma nħoloq l-ebda mekkaniżmu ta' kondizzjonalità *ex-ante* (kif attwalment previst għall-perjodu 2014-2020) bħala strument legali infurzabbli fil-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni mil-leġiżlatur, li kien jippermetti li jiġu rrifjutati proġetti fuq il-bażi ta' nuqqas ta' miżuri ta' appoġġ bħal miżuri finanzjarji.

55. (a)

B'mod partikolari, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-1975 ma bassritx xi rekwiżiti dwar l-użu ta' strumenti ekonomiċi. Madankollu, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 tgħid li l-Istati Membri *jistgħu* jiddeskrivu l-użu tal-istrumenti ekonomiċi fil-pjanijiet tagħhom għall-immaniġġjar tal-iskart.

56.

Ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni legali speċifika fir-regolamenti tal-politika ta' koeżjoni li tgħaqqad il-finanzjament tal-UE mad-dispożizzjonijiet dwar ir-Rapporti ta' Implimentazzjoni fil-Leġiżlazzjoni dwar l-Iskart tal-UE.

Il-Kummissjoni pproponiet kundizzjonalitajiet *ex-ante* għall-Politika ta' Koeżjoni tal-2014-20. Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart, wieħed mill-kriterji fil-kundizzjonalità tal-iskart jeħtieġ lill-Istati Membri biex jipprovdu Pjanijiet għall-Immaniġġjar tal-Iskart konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 sabiex l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jibqgħu jipprovdu rapporti mhux kompluti u fl-istess ħin jibbenefikaw minn Miżuri Strutturali.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 57, 58 u 59

Il-prinċipju li min iniġġes iħallas hu kkunsidrat mill-Kummissjoni għall-Proġetti Maġġuri u tal-Fond ta' Koeżjoni, permezz tal-inklużjoni ta' tariffi (il-ħlasijiet għall-użu) fil-kalkolu tar-rata ta' assistenza.

L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju teħtieġ li jitqies flimkien mal-"prinċipju tad-disponibbiltà tal-mezzi". Għall-proġetti li jiġġeneraw dħul, ir-rati mogħtija ta' assistenza huma bbażati fuq approċċ ibbilanċjat billi ġew ikkunsidrati diversi elementi bħall-prinċipju li min iniġġes iħallas, tariffi ta' disponibbiltà tal-mezzi u l-effettività bħala parti mill-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji usa', kif hemm preskritt fil-gwida dwar l-Analiżi tal-Ispejjeż u l-Benefiċċji ppubblikata mill-Kummissjoni fl-2002 u aġġornata fl-2008.

Id-Dokument Tekniku 1 dwar l-"Applikazzjoni tal-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas" maħruġ fl-1999 jinkoraġġixxi applikazzjoni usa' tal-prinċipju permezz tad-differenzjar tar-rati tal-assistenza Komunitarja, filwaqt li jevita li jiffissa rati aktar baxxi ta' assistenza għall-Istati Membri li jintegraw il-prinċipju li min iniġġes iħallas f'operazzjonijiet kofinanzjati milli għall-Istati Membri li ma jagħmlux hekk. Huwa pprova biss gwida indikattiva. Huwa ddikjarat, f'dan id-dokument tekniku, li l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju "għandha tkun kompatibbli mal-għanijiet tal-koeżjoni ekonomika u soċjali", li "l-iżvilupp tagħha għandha tkun progressiva" u li "għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni l-aċċettazzjoni soċjali taż-żamma tal-ħlas". Huwa wkoll enfasizzat espliċitament li "għalhekk hu importanti li l-applikazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas ma jitqisx f'iżolament". Għalhekk, iħalli spazju għal adattament tar-rata ssuġġerita ta' assistenza bbażata fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' kull proġett.

60.

L-Artikolu 14 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart jitlob li l-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-iskart li għandhom jitħallsu mill-produttur tal-iskart oriġinali, għandhom jiġu definiti fil-livell nazzjonali.

63.

L-Istati Membri huma mitluba jadottaw programmi għall-prevenzjoni tal-iskart sat-12.12.13. Barra minn hekk, il-prevenzjoni tal-iskart se tkun indirizzata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart li jipprovdi li, sa tmiem l-2014, il-Kummissjoni tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapporti akkumpanjati, jekk xieraq, minn proposti leġiżlattivi fost l-oħrajn dwar il-prevenzjoni tal-iskart u l-għanijiet ta' diżakkoppjament għall-2020.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 64 u 65

It-ttrattament tal-iskart jeħtieġ li jnaqqas kemm jista' jkun l-effetti negattivi tal-iskart fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem kif ukoll li jkun konformi mal-prinċipji tal-effiċjenza tar-riżorsi. Il-Kummissjoni tagħraf li l-kwistjoni dwar il-kunċett tat-ttrattament hi problema sistemika fi bżonn ta' approċċ globali.

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

Il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra l-Italja, talli bagħtet skart mhux ittrattat fil-miżbljet (mhux parti mill-kampjun tal-Qorti), li jinsabu fl-istadju ta' Opinjoni Motivata. Dan il-każ ta' ksur jista' jasal sal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, f'liema każ il-Kummissjoni tkun tistenna lill-Qorti tiċċara, fis-sentenza tagħha, it-tifsira ta' "trattamento" kif stabbilita fid-Direttiva dwar il-Miżbljet.

Jekk il-każ ma jasal qatt għand il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li l-kwistjoni tiġi indirizzata fil-livell tekniku mal-Istati Membri bħala l-ewwel fażi.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 66 u 67

Ma hemm l-ebda obbligi legali tal-UE biex l-Istati Membri jistabbilixxu standards għall-kompost, billi dawn ma ġewx speċifikati mil-leġiżlatur.

Il-Komunikazzjoni tal-2010 mill-Kummissjoni tistabbilixxi l-passi futuri dwar l-immaniġġjar tal-iskart organiku fl-Unjoni Ewropea – COM (2010)235 finali⁸.

68.

Il-Kummissjoni tagħraf li l-kwistjoni dwar l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara hi problema sistemika, fil-bżonn ta' approċċ globali. Il-Kummissjoni se tiftaħ diskussjonijiet mal-Istati Membri fuq livell tekniku.

69.

Fil-qafas ta' proġetti kkofinanzjati mill-politika ta' koeżjoni, ma kien hemm l-ebda obbligu legali biex il-Kummissjoni tivverifika l-adeqwatezza u tivvaluta fuq is-sustanza l-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart jew biex timponi l-inklużjoni ta' miżuri ta' appoġġ meta tivvaluta l-programmi operattivi.

Fil-mument tal-approvazzjoni tal-proġetti u l-implimentazzjoni tagħhom, il-ġbir separat ma kienx hteġa legali tal-UE.

Il-Kummissjoni pproponiet kundizzjonalitajiet *ex-ante* għall-Politika ta' Koeżjoni tal-2014-20. Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart, wieħed mill-kriterji fil-kundizzjonalità tal-iskart jitlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 sabiex l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jibqgħu jipprovdu rapporti mhux kompluti u fl-istess ħin jibbenefikaw minn miżuri strutturali.

F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi (KUMM (2011)571 finali), il-Kummissjoni se tiżviluppa politika mmirata li tnaqqas ir-rimi tal-iskart fil-miżbljet filwaqt li żżid ir-rati ta' riċiklaġġ. Għal dan il-għan, l-implimentazzjoni ta' strumenti ekonomiċi, pereżempju t-taxxa tal-miżbljet u l-iskemi ta' ħlas skont ir-rimi marbuta mal-ġbir separat tal-iskart, huma meqjusa bħala kruċjali għas-suċċess.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 70 b) u c)

Approċċi integrati nazzjonali/reġjonali fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart huma essenzjali biex tiżdied il-pres-tazzjoni tal-faċilitajiet tal-iskart.

71.

Il-Kummissjoni bħalissa qed tinvestiga l-implimentazzjoni tal-miri għad-devjazzjoni fil-miżbljet permezz ta' każijiet tal-EU-Pilot.

72.

Il-Kummissjoni tagħraf li l-kwistjoni dwar it-twaqqif ta' titoli finanzjarji biex ikopru l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara hi problema sistemika fi bżonn ta' approċċ globali.

Il-Kummissjoni se tiftaħ diskussjonijiet mal-Istati Membri fuq livell tekniku.

⁸ Din il-Komunikazzjoni tikkonkludi li "għandhom ikunu stabbiliti standards għall-kompost u għall-prodott diġerit sabiex dawn jitħallew jiċċirkulaw b'mod ħieles fis-suq intern u sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' iktar monitoraġġ u kontroll tal-ħamrija fejn jintużaw" (p.7), <http://ec.europa.eu/environment/waste/compost/developments.htm> Il-proċedura ta' "tmiem l-iskart" mogħtija fid-Direttiva ta' qafas dwar l-iskart tista' tkun l-iktar mod effiċjenti kif wieħed jistabbilixxi t-tali standards. Il-Kummissjoni bdiet tivvaluta l-bażi teknika għal proposta li tista' tagħmel. Standards għall-kompost qegħdin jiġu elaborati fil-kuntest tal-kriterji dwar it-tmiem tal-iskart (abbozzi tekniċi qed jitħejjew biex jiġu adottati, jekk xieraq, matul l-2013). Għal aktar tagħrif dwar l-iżviluppi reċenti jekk jogħġbok ara: <http://susproc.jrc.ec.europa.eu/activities/waste/index.html>

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Rakkomandazzjoni 1 (b)

Tiddaħħal kondizzjonalità *ex-ante* marbuta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni tal-Kummissjoni⁹ propost għall-perjodu ta' programmar 2014-20.

73.

L-ebda mira ma ġiet stabbilita fuq livell reġjonali.

Il-Kummissjoni stabbiliet il-ġbir tal-istatistika dwar l-iskart muniċipali reġjonali fil-livell tal-Unjoni Ewropea bħala attività ġdida fl-2010.

Il-Kummissjoni tapplika l-qafas tal-kwalità kif stabbilit għall-produzzjoni tal-istatistiki dwar l-iskart muniċipali annwali, li qed jiġu prodotti sa mill-1995¹⁰.

74. (a)

Fiż-żmien meta saret il-verifika, il-ġerarkija tal-immaniġġjar tal-iskart tal-UE, imsaħħa permezz tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart riveduta 2008/98/KE li tipromwovi l-prevenzjoni bħala l-aħjar għażla ta' mmaniġġjar tal-iskart, kienet għadha mhux legalment vinkolanti.

Matul il-perjodu osservat mill-Qorti (2000-09) il-ġenerazzjoni *per capita* tal-iskart muniċipali żdiedet f'16-il Stat Membru, naqset f'9 u baqgħet l-istess f'2 Stati Membri.

74. (b)

Il-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli matul il-perjodu tal-awditjar ma fiha l-ebda rekwiżit legali dwar il-ġbir separat. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart tal-2008 tirrikjedi lill-Istati Membri jstabbilixxu l-ġbir separat mill-inqas għall-karti, għall-ħġieġ, għall-metall u għall-plastik sal-2015. Il-ġerarkija tal-iskart legalment vinkolanti tippożizzjona r-rimi fil-miżbljet fil-qiegħ tal-għażliet għat-trattament tal-immaniġġjar tal-iskart. F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi (COM (2011)571 finali) sal-2020 ir-rimi fil-miżbljet għandu jkun ġie minimizat għal skart li ma jistax jiġi użat aktar minn darba u skart li ma jistax jiġi rriċiklat. Fl-aħħar nett, il-miri tar-rimi fil-miżbljet jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali u mhux fil-livell reġjonali.

⁹ COM(2011) 615 finali/2, tas-6.10.2011, kif emendat fl-14.3.2012 u l-11.9.2012

¹⁰ <http://ec.europa.eu/eurostat/waste>

74. (c)

Il-Kummissjoni tibda proċeduri ta' ksur kull meta jiġu stabbiliti tali Prattiki illegali.

Rakkomandazzjoni 2 (a)

Il-Kummissjoni tappoġġja din ir-rakkomandazzjoni u tteġġeg lill-Istati Membri biex joħolqu bażijiet tad-dejta pubbliċi dwar l-immaniġġjar tal-iskart. Hu pprovdut qafas permezz tal-proposta tal-Kummissjoni għal Sistema Komuni ta' Informazzjoni Ambjentali (SEIS)¹¹. L-istatistika dwar l-iskart u l-indikaturi derivati huma ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni¹².

Rakkomandazzjoni 2 (b)

Dwar l-iskart muniċipali, mill-1995 'l hawn il-Kummissjoni stabbiliet sistema għall-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-dejta fuq livell nazzjonali fuq bażi volontarja u tapplika l-qafas tal-kwalità għall-istatistika uffiċjali. Mill-2010 'l hawn, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ sistema volontarja għall-produzzjoni tal-istatistika fil-livell reġjonali.

Rakkomandazzjoni 2 (c)

Il-Kummissjoni pproponiet il-kundizzjonalità *ex-ante* fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni 2014-20. Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart, wieħed mill-kriterji fil-kundizzjonalità tal-iskart jitlob lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jilħqu l-miri tal-2020 kif mitlub mid-Direttiva Qafas dwar l-iskart.

75.

Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li l-miżuri ta' għajjnuna jgħinu biex tiġi mmassimizzata l-effikaċja tal-finanzjament tal-UE. Matul il-perjodu 2000-06 u 2007-13, ma ġie mibni l-ebda mekkaniżmu ta' kundizzjonalità *ex-ante* bħala strument infurzabbli legali fil-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni li kien jippermetti li tintalab informazzjoni dettaljata dwar dawn il-miżuri jew li jiġi rrifjutat proġett għal raġunijiet ta' nuqqas ta' miżuri ta' appoġġ.

76.

Ma kienx hemm obbligu legali għall-perjodu 2000-06 biex il-Kummissjoni timponi l-inklużjoni ta' miżuri ta' sostenn.

¹¹ <http://ec.europa.eu/environment/seis/>

¹² <http://ec.europa.eu/eurostat/waste>

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

76. (b)

Il-miri ta' devjazzjoni bijodegradabbli tad-Direttiva dwar il-Miżbljet japplikaw fil-livell nazzjonali u mhux fil-livell reġjonali.

76. (c)

Ma hemmx obbligi legali fil-livell tal-UE biex jiġu stabbiliti standards għall-kompost fil-livell nazzjonali.

Tweġiba komuni għall-Osservazzjonijiet 76 d) u e)

Il-Kummissjoni taqbel li l-użu ta' strumenti ekonomiċi se jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-"prinċipju li min iniġġes iħallas" imnaqqax fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹³.

Il-prinċipju li min iniġġes iħallas qed jiġi applikat flimkien mal-"prinċipju ta' disponibbiltà tal-mezzi". Ir-rati ta' kofinanzjament mogħtija huma bbażati fuq approċċ ibbilanċjat li jqis iż-żewġ prinċipji, li jista' jwassal għal rati differenzjati ta' assistenża.

Rakkomandazzjoni 3 (a) (ii)

Il-ġbir separat se jsir obbligu legali għal għadd ta' flussi ta' skart (ħlief għal skart bijodegradabbli) sa mill-2015.

Rakkomandazzjoni 3 (a) (iii)

F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi (KUMM (2011)571 finali), il-Kummissjoni se tiżviluppa politika mmirata li tnaqqas ir-rimi tal-iskart fil-miżbljet filwaqt li żżid ir-rati ta' riċiklaġġ. Għal dan il-għan, l-implimentazzjoni ta' strumenti ekonomiċi pereżempju t-taxxa tal-miżbljet, l-iskemi ta' ħlas skont ir-rimi marbuta mal-ġbir separat tal-iskart huma meqjusa bħala kruċjali għas-suċċess.

Rakkomandazzjoni 3 (b) (i)

Il-Kummissjoni pproponiet il-kundizzjonalità *ex-ante* fir-rigward tal-politika ta' koeżjoni 2014-20. Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart, wieħed mill-kriterji tal-kundizzjonalità tal-iskart jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu pjani għall-prevenzjoni tal-iskart kif meħtieġ mill-Artikolu 29 tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart tal-2008.

Rakkomandazzjoni 3 (b) (ii)

Il-Kummissjoni attwalment tapplika l-prinċipju li min iniġġes iħallas u rati mnaqqsa tal-għajjnuna, billi tuża approċċ komprensiv li jqis id-disponibbiltà tal-mezzi u l-effettività.

77. (a)

L-ebda mira għall-prevenzjoni tal-iskart mhi stabbilita fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart tal-UE. Sat-12.12.13, l-Istati Membri għandhom ifasslu Programmi ta' Prevenzjoni tal-iskart li jkun fihom miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart li eżempji tagħhom huma pprovduti fl-Anness IV tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart tal-2008.

77. (c)

Ma hemm l-ebda obbligi legali tal-UE biex l-Istati Membri jistabbilixxu standards għall-kompost billi dawn ma kinux speċifikati mil-leġiżlatur¹⁴.

Barra minn hekk, il-kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart bijodegradabbli qed jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni.

77. (d)

Il-Kummissjoni tagħraf li l-kwistjoni dwar it-twaqqif ta' titoli finanzjarji biex ikopru l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara hi problema sistemika fi bżonn ta' approċċ globali.

Il-Kummissjoni se tiftaħ diskussjonijiet mal-Istati Membri fuq livell tekniku.

¹³ Studju riċenti (http://ec.europa.eu/environment/waste/pdf/final_report_10042012.pdf) imwettaq f'isem il-Kummissjoni jissuġġerixxi li strumenti ekonomiċi (eż. t-taxxi tal-miżbljet; ir-responsabbiltà estiża tal-produttur; u skemi ta' ħlas skont ir-rimi) huma strumentali u effiċjenti fl-ilħuq tal-miri tar-riċiklaġġ.

¹⁴ Jekk jogħġbok irreferi għall-Komunikazzjoni tal-2010 mill-Kummissjoni dwar passi li jstgħu jittieħdu fil-ġejjieni dwar l-immaniġġjar tal-bijoskart fl-Unjoni Ewropea - COM(2010) 235 finali fuq: <http://ec.europa.eu/environment/waste/compost/developments.htm> Il-Kummissjoni pproduċiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-ġestjoni tal-Bijoskart, ara: <http://lct.jrc.ec.europa.eu/pdf-directory/D4A-Guidance-on-LCT-LCA-applied-to-BIO-WASTE-Management-Final-ONLINE.pdf>

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

Rakkomandazzjoni 4 (a)

Sal-aħħar tal-2014 l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill¹⁵ rapporti, akkumpanjati jekk xieraq minn proposti leġiżlattivi fost l-oħrajn dwar il-prevenzjoni tal-iskart u l-għanijiet ta' diżakkoppjament għall-2020. Ġew proposti miri ta' prevenzjoni tal-iskart mill-Kummissjoni għar-reviżjoni tal-2008 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, iżda ma sar ebda ftehim fil-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Rakkomandazzjoni 4 (b)

Il-Kummissjoni bdiet proċeduri ta' ksur kontra l-Italja, talli baġtet skart mhux ittrattat fil-miżbljet (mhux parti mill-kampjun tal-Qorti), li jinsabu fl-istadju ta' Opinjoni Motivata. Dan il-każ ta' ksur jista' jasal sal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, f'liema każ il-Kummissjoni tistenna lill-Qorti tiċċara, fis-sentenza tagħha, it-tifsira ta' "trattament" kif stabbilita fid-Direttiva dwar il-Miżbljet.

Jekk il-każ ma jasal qatt għand il-Qorti, il-Kummissjoni tik-kunsidra li l-kwistjoni tiġi indirizzata fil-livell tekniku mal-Istati Membri bħala l-ewwel fażi.

Rakkomandazzjoni 4 (c)

Il-Kummissjoni qiegħda tqis l-iżvilupp ta' kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart għal skart bijodegradabbli.

Rakkomandazzjoni 4 (d)

Il-Kummissjoni tagħraf li l-kwistjoni dwar it-twaqqif ta' titoli finanzjarji biex ikopru l-ispejjeż tal-għeluq u tal-kura ta' wara hi problema sistemika fi bżonn ta' approċċ globali.

Il-Kummissjoni se tiftaħ diskussjonijiet mal-Istati Membri fuq livell tekniku.

¹⁵ F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2012

Il-finanzjament minn miżuri strutturali għal proġetti infrastrutturali għall-immaniġġjar ta' skart muniċipali huwa effettiv biex jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-iskart?

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2012 — 66 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-014-8

doi:10.2865/42651

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (<http://ec.europa.eu>) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

JEKK L-ISKART MUNIĊIPALI MA JKUNX MIĠBUR, ITTRATTAT U MORMI KIF SUPPOST JISTA' JIKKAWŻA IMPATTI AMBJENTALI NEGATTIVI. B'RIŻULTAT TA' DAN, L-UE INTRODUĊIET STANDARDS U MIRI KOMUNI FIL-FORMA TA' DIRETTIVI U TIKKOFINANZJA L-INFRASTRUTTURI GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART F'REĠJUNI SPEĊIFIĊI. F'DAN IR-RAPPORT IL-QORTI EŻAMINAT JEKK DAWN L-INVESTIMENTI FL-INFRASTRUTTURA KINUX EFFETTIVI U JEKK GĦENUX BIEX JINKISBU L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UE DWAR L-ISKART.



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI



L-Uffiċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9241-014-8



9 789292 410148